Vol 35
Nru 183
Jannar - Marzu 2014

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2014

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Pawlu VI u l-Patrijarka*
*Athenagoras*

# Werrej



6



21



33

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## L-Ewwel Papa fl-Art Imqaddsa

Minn żmien San Pietru l-ebda Papa qatt ma rifes l-Art Imqaddsa. Kellu jkun il-Papa Pawlu VI li, fil-ġranet 4-6 ta' Jannar 1964 ġie bħala pellegrin fl-Art ta' Ġesù. Din is-sena qegħdin infakkru l-50 anniversarju minn din il-ġrajja hekk importanti. Importanti mhux biss għaliex il-Papa ġie l-Art Imqaddsa, imma fuq kollox għax kien f'dik l-okkażjoni li, wara mijiet ta' snin ta' firda bejn il-Knisja tal-Lvant (Kostantinopli) u l-Knisja tal-Punent (Ruma), firda li bdiet fl-1054, il-Papa Pawlu VI iltaqa' mal-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli, Atenagoras, proprju f'Ġerusalemm, f'ġest ta' rikonċiljazzjoni li fetaħ beraħ il-bibien tad-djalogu ekumeniku bejn il-Knisja Kattolika u l-Knisja Griega Ortodossa.

Hu għal din ir-raġuni li din il-ħarġa tar-Rivista "L-Art Imqaddsa" se tkun iddedikata b'mod partikulari biex tfakkar din il-ġrajja storika, li fiha l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa kellhom sehem importanti u uniku. Għall-ewwel darba fl-istorja twila u glorjuża tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, il-Franġiskani laqgħu lis-suċċessur ta' San Pietru fl-istess Art li fiha l-ewwel Papa kien għex bħala sajjied fuq l-Għadira tal-Galilija. Fir-rakkont tagħna sejrin nuru d-diversi waqfiet li għamel Pawlu VI fi vjaġġ li kien unikament pellegrinaġġ li bħalu l-ebda Papa ma rnexxielu jagħmel, ukoll jekk minn dak iż-żmien assistejna għall-vjaġġi fl-Art

38




6 — 50 Sena Ilu l-Papa Pawlu VI mar Pellegrin fl-Art Imqaddsa

21 — Malta salvat lil Pawlu Pawlu jsalva lil Malta

33 — Is-Sagrifiċċju ta' Kristu (1)

38 — Ir-Riferenzi Bibliċi fl-Enċiklika "Lumen Fidei" (2)

45 — L-Imberkin u l-Misħutin f'Mt 25, 31-46




45

*...editorjal*

*L-Ewwel Papa fl-Art Imqaddsa*



Imqaddsa tal-Papa Beatu Ġwanni Pawlu II (20-26 ta' Marzu 2000), ta' Papa Benedittu XVI (8-15 ta' Mejju 2009) u din is-sena wkoll għall-vjaġġ ta' Papa Franġisku, li se nassistu għalih fl-24-26 ta' Mejju 2014, proprju biex ifakkar il-50 anniversarju mil-laqgħa ta' Pawlu VI u Atenagoras.

Hu veru li ż-żminijiet ta' Pawlu VI kienu differenti. L-Art Imqaddsa kienet ġeografikament differenti minn kif inhi llum. Pawlu VI seta' jgħaddi bla ebda taħbit mill-Ġordanja għal-Lhudija, biex iżur Ġerusalemm u Betleħem, billi dak iż-żmien il-Lhudija kienet tagħmel parti mill-Ġordanja. Kienet biss il-Galilija, bis-santwarji ta' Nazaret, Tabor, Kana u s-santwarji tal-Għadira tal-Galilija, li kienet parti mill-iStat modern ta' Israel.

L-affarijiet kellhom jinbidlu fl-1967, meta Israel okkupa l-Lhudija u s-Samarija (ix-Xatt tal-Punent). Maż-żmien l-awtorità kemm ta' Israel kif ukoll tal-Awtorità Palestinjana, issaħħet sew, hekk li l-vjaġġi papali ħadu wkoll xejra ta' żjarat statali barra milli pellegrinaġġi bi skop purament reliġjuż u pastorali.

Dan kollu, iżda, ma jtellef xejn mill-iskop tal-vjaġġ fl-Art Imqaddsa mibdi minn Pawlu VI, u li l-Papiet ta' warajh qed ikompluh. L-iskop hu dejjem dak li l-Papa, bħala isqof ta' Ruma, jmur lura lejn l-Art li fiha twieled il-Kristjaneżimu, l-Art li semgħet il-Vanġelu mxandar minn Kristu u l-Appostli, l-Art li fiha l-Knisja taf il-bidu tagħha fiċ-Ċenaklu nhar Għid il-Ħamsin, l-Art fejn il-Knejjes Insara jsibu l-oriġini tagħhom u li fiha kollha kemm huma għandhom dritt u dmir li jgħixu u jxandru l-messaġġ Kristjan.

Il-ġest umli u profetiku ta' Pawlu VI kien bidu ta' era ġdida fir-relazzjonijiet bejn l-Insara. Proprju fl-Art li fiha tidher b'mod ċar il-firda bejn il-Knejjes, u l-aktar fl-istess Postijiet tal-Fidwa l-aktar qaddisa, bħalma huma l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm u l-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem, hemm bżonn li l-Insara jkomplu jagħtu xhieda tas-sejħa komuni tagħhom li jxandru lil Kristu u l-Vanġelu tiegħu. Hu f'din l-Art fejn jiltaqgħu l-Lvant u l-Punent, iż-żewġ pulmuni tal-Knisja, kif sejħilhom il-Papa Ġwanni Pawlu II. Kien għalhekk ġest profetiku li, proprju f'din l-Art, is-suċċessur ta' San Pietru f'Ruma u s-suċċessur ta' Sant'Andrija

f'Kostantinopli, jiltaqgħu f'mument ta' rikonċiljazzjoni u maħfra reċiproka wara sekli sħaħ ta' firda.

Għaddew 50 sena minn dan il-ġest uniku. Jekk id-diskors ekumeniku ħa spinta 'l quddiem, l-aktar fid-djalogu bejn il-Knejjes, fl-Art Imqaddsa l-ekumeniżmu jibqa' realtà komplessa u sofferta. Minkejja kollox, fl-Art Imqaddsa, id-diskors ekumeniku dejjem kien, għadu u jibqa', miraklu tal-providenza. Għax hawnhekk mhux qed nitkellmu minn ekumeniżmu magħmul biss minn konferenzi, laqgħat, ġesti ta' rikonċiljazzjoni, u inizjattivi simili, imma hawnhekk ngħixu ekumeniżmu ħaj, ekumeniżmu li fih id-diversi Knejjes jitolbu taħt l-istess saqaf fl-istess ħin, li fih id-diversi esponenti (Griegi Ortodossi, Franġiskani (Kattoliċi Latini), Armeni Ortodossi, Kopti, Sirjani, Etjopiċi, Russi Ortodossi, Griegi Kattoliċi, Maroniti, Armeni Kattoliċi, Anglikani, Luterani) jgħixu fl-istess ambjenti tat-toroq dojoq ta' Ġerusalemm u Betleħem, kif ilhom jgħixu għal mijiet ta' snin. Veru li xi kultant ikun hemm inkwiet u nuqqas ta' qbil bejniethom, imma dan hu biss parti mill-ħajja ta' familja li fiha kulħadd qiegħed fl-Art Imqaddsa bi skop qaddis: li jħares it-tifkiriet tal-fidwa Kristjani u jqaddishom bit-talb u l-liturġija.

Jekk fl-Art Imqaddsa ż-żmien donnu hu eternità, u donnu li l-affarijiet jinbidlu bil-mod ħafna, dan għaliex f'din l-Art l-esperjenza tal-ħajja Kristjana hi antika daqs il-Knisja nnifisha. Hu biss ir-rispett lejn id-diversi tradizzjonijiet u riti li hu garanzija ta' kontinwità u ta' relazzjonijiet ta' paċi bejn il-komunitajiet Insara. Dan hu importanti, għaliex, bħal fi żmien Pawlu VI u issa ħafna iżjed minn qabel, l-Insara fl-Art Imqaddsa huma minoranza assoluta (inqas minn 2 fil-mija tal-popolazzjoni). Il-ħtieġa li jkunu magħqudin u jagħtu xhieda quddiem ir-reliġjonijiet kbar ta' din l-Art, dik Ebrajka u dik Musulmana, hu urġenti ħafna aktar minn qatt qabel.

Iż-żjara spiritwali ta' Pawlu VI uriet li din ix-xhieda hi possibbli. L-istess se turi ż-żjara tal-maħbub Papa Franġisku li qed nistennewh bil-ħerqa fostna, ħalli jġedded il-ġest profetiku ta' Pawlu VI quddiem Art Imqaddsa mibdula li tistenna mill-Insara xhieda ta' tama għal futur ta' paċi.



# 50 SENA ILU L-PAPA PAWLU VI MAR PELLEGRIN FL-ART IMQADDSA

*Noel Muscat ofm*

Il-Papa Pawlu VI (21 ta' Ġunju 1963 - 6 ta' Awwissu 1978) kien l-ewwel Papa fi kważi elfejn sena ta' storja ta' Kristjaneżimu li żar l-Art Imqaddsa bħala pellegrin. Iż-żjara memorabbli seħħet fi żmien qasir ta' tlett ijiem, bejn is-Sibt 4 u t-Tnejn 6 ta' Jannar 1964, eżattament 50 sena ilu. Għal din ir-raġuni qed isiru tifkiriet speċjali ta' din il-ġrajja fl-Art Imqaddsa,

l-aktar biex jiġi mfakkar l-avveniment profetiku tal-laqgħa ta' rikonċiljazzjoni bejn il-Papa Pawlu VI u l-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Kostantinopli Atenagoras, li fiha l-Knisja Kattolika u l-Knisja Griega Ortodossa ħafru l-iskominuka reċiproka li kienu għamlu lil xulxin fl-1054, meta seħħet ix-xiżma, jew firda, bejn il-Knisja ta' Kostantinopli u dik ta' Ruma. Bħala tifkira partikulari ta' din il-ġrajja storika, il-Papa Franġisku se jżur l-Art Imqaddsa lejn tmiem Mejju 2014 u jiltaqa' wkoll mal-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Kostantinopli Bartolomew II fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Biex infakkru aħna wkoll din il-ġrajja straordinarja se nġibu hawnhekk rakkont tal-vjaġġ memorabbli ta' Pawlu VI fl-Art Imqaddsa, bl-għajnuna tal-informazzjoni li sibna fl-*Acta Apostolicae Sedis*, Annus LVI, Series III, Vol. VI, Vaticano 1964, 158-189, u tal-pubblikazzjoni ta' Alfredo Pizzuto, *Paolo VI, Pellegrino di fede e di pace in Terra Santa. Dalla cronaca dei "Frati della Corda"*, Edizioni Cantagalli, Siena 2013. L-edizzjoni kommemorattiva u uffiċjali tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa tinsab fl-*Acta Custodiae Terrae Sanctae*, iussu Rev.mi P. Lini V. Cappiello, Custodis Terrae Sanctae, Fasciculus specialis piam peregrinationem SS.D.N. Pauli PP. VI in Terram Sanctam commemorans, Anno IX, Gennaio-Giugno 1964, Num. 1-2, Gerusalemme – Giordania 1964.

## Il-preparattivi għall-pellegrinaġġ

Il-Papa Pawlu VI kien ħabbar il-vjaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa f'allokuzzjoni li kien għamel lill-Padri Konċiljari miġburin għall-Konċilju Vatikan II fl-4 ta' Diċembru 1963. Il-kliem ta' Pawlu VI huma dawn: "Bl-għajnuna ta' Alla, aħna nixtieqLu li fix-xahar ta' Jannar li ġej immorru l-Palestina, biex inżuru l-Postijiet Imqaddsa fejn Kristu twieled, għex, miet, qam mill-mewt u tela' s-sema, u biex hemmhekk infakkru b'mod speċjali ż-żewġ misteri tal-fidi tagħna: l-Inkarnazzjoni u l-Fidwa. Naraw b'għajnejna wkoll dik l-Art miqjuma li minnha ġie San Pietru, u li fiha l-ebda suċċessur tiegħu għadu qatt ma irritorna. Imma aħna b'umiltà kbira u għal żmien qasir ħafna rridu nirritornaw bi spirtu ta' talb devot, ta' tiġdid spiritwali, biex noffru lil Kristu l-Knisja tiegħu; biex nerġgħu nsejħu lura fi ħdan din il-Knisja waħda u qaddisa l-Aħwa tagħna mifrudin minna; biex nitolbu l-ħniena divina favur id-don tal-paċi."

F'nota awtobiografika miktuba mill-istess Pawlu VI f'manuskritt li jġib id-data tal-21 ta' Settembru 1963 naqraw: "Wara riflessjoni twila, u wara li tlabna l-għajnuna tad-dawl divin (…) jidhrilna li jaqbel nistudjaw b'mod pożittiv il-possibilità dwar li l-Papa jmur iżur il-Postijiet Qaddisa fil-Palestina (…) Dan il-pellegrinaġġ irid ikun wieħed mgħaġġel u qasir, u jkollu l-karattru tas-sempliċità, pietà, penitenza u karità." Kienet l-ewwel u l-unika darba li Papa ħareġ mill-Vatikan fuq vjaġġ spontanju li ma kienx okkażjoni ta' xi tifkira partikulari u li fih il-Papa ma kellu l-ebda invit formali minn xi kap ta' Stat.

Biex iħejji dan il-pellegrinaġġ Pawlu VI bagħat fl-Art Imqaddsa, b'mod sigriet, lil Monsinjur Jacques Martin, mis-Segreterija tal-Istat, u lis-Segretarju partikulari tiegħu, Don Pasquale Macchi. Għall-ewwel Pawlu VI xtaq li l-pellegrinaġġ jinkludi wkoll waqfa f'Damasku, biex hemm ifakkar il-konverżjoni ta' San Pawl, li hu kien għażel ismu, imma sfortunatament dan il-proġett kellu jitħassar. Qabel it-tluq Papa Pawlu VI talab lil Don Giulio Bevilacqua biex jipprietka irtir spiritwali lil dawk kollha li kellhom jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ. Il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa ġew afdati bid-dmir li jorganizzaw id-diversi funzjonijiet reliġjużi fis-Santwarji, u jieħdu ħsieb iwaqqfu uffiċċju ta' informazzjoni biex jgħin lill-



*Pawlu VI max-xmara Ġordan* *

eluf ta' ġurnalisti li kellhom isegwu dan l-avveniment uniku.

## Is-Sibt 4 ta' Jannar 1964

Fis-7.15 am tas-Sibt 4 ta' Jannar 1964 il-Papa Pawlu VI telaq mill-Vatikan fi triqtu lejn l-ajruport ta' Fiumicino, minn fejn ħa l-ajruplan DC8 tal-Alitalia u tar direttament lejn il-belt ta' Amman fil-Ġordanja. Kienet l-ewwel darba fl-istorja li Papa ivvjaġġa fuq ajruplan. Qabel telaq Pawlu VI sellem lill-President tal-Italja Antonio Segni, li mar jarah sejjer flimkien mal-President tal-Kunsill (Prim Ministru) Aldo Moro. Kienet l-ewwel darba li Papa qatt ivjaġġa fuq ajruplan. Pawlu VI qal: "Il-pellegrinaġġ tagħna hu wieħed ta' talb u penitenza (…) F'dawn il-ġranet li fihom il-liturġija tfakkarna fil-Prinċep tal-Paċi aħna nitolbu lilu biex jagħti lid-dinja dan id-don prezzjuż."

Hu importanti li, qabel ma nkomplu fil-kronaka tagħna, nagħtu spjegazzjoni ġeografika tal-Art Imqaddsa fis-sena li fiha żarha Pawlu VI. Fl-1964 l-Art Imqaddsa kienet differenti mil-lum. L-Istat ta' Israel kien twieled fl-1948, imma kien ikopri biss il-Galilija, l-istrixxa tal-kosta tal-Mediterran, u n-Negev. Dak li llum jissejjaħ ix-Xatt tal-Punent, iż-żona tal-għoljiet tas-Samarija u tal-Lhudija, bil-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm, kienu għadhom taħt is-sovranità tar-Renju tal-Ġordanja. Kien biss fl-1967, fil-Gwerra tas-Sitt Ijiem, li Israel okkupa x-Xatt tal-Punent u għaldaqstant Ġerusalemm tal-lvant sabet ruħha taħt ġurisdizzjoni Israeljana, kif għadha sal-lum. Is-Santwarji kienu għaldaqstant jinsabu f'żewġ Stati differenti. Fl-Istat ta' Israel kienu jinsabu Nażaret, Kana, Tabor, Kafarnahum, Tabgha, il-Beatitudni, Akri, Haifa, u ċ-Ċenaklu (f'Ġerusalemm tal-punent), u Ain Karem, filwaqt li fir-Renju tal-Ġordanja kienu jinsabu Ġerusalemm (Qabar ta' Kristu, Ġetsemani, Flaġellazzjoni, Via Dolorosa, Dominus Flevit, Axxensjoni), Betfaġe, Betanja, Ġeriko, Emmaws u Betleħem. Hu importanti

li nżommu dan f'moħħna biex nifhmu l-ispostamenti li għamel Pawlu VI waqt il-vjaġġ tiegħu. Pawlu VI ried espliċitament li l-pellegrinaġġ tiegħu jkun qasir imma intensiv, u li fih jieqaf jitlob possibilment fis-Santwarji kollha tal-Fidwa. Fil-fatt, l-ebda Papa ieħor li żar l-Art Imqaddsa warajh, jiġifieri Ġwanni Pawlu II u Benedittu XVI, qatt ma rnexxielu jżur in-numru ta' Santwarji li żar Pawlu VI fi żmien hekk qasir ta' tlett ijiem.

Malli wasal fl-arjuport ta' Amman fis-1.25 pm il-Papa Pawlu VI ġie milqugħ mir-Re Hussein tal-Ġordanja. Fil-messaġġ tiegħu lir-Re, Pawlu VI qal: "Iż-żjara tagħna hi waħda spiritwali, hi pellegrinaġġ umli lejn il-Postijiet Qaddisa tat-twelid, tal-ħajja, tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu, u tal-qawmien glorjuż tiegħu mill-imwiet. F'kull Santwarju aħna rridu nitolbu għall-paċi, għal dik il-paċi li d-dinja ma tistax tagħtiha."

Wara l-formalitajiet tal-wasla uffiċjali tiegħu l-Papa qabad triqtu direttament minn Amman lejn il-Wied tax-Xmara Ġordan fi triqtu lejn Ġerusalemm. L-ewwel waqfa kienet proprju fil-post li fih titfakkar il-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni l-Battista. Biex wasal f'dan il-post il-Papa qasam il-Pont tal-Prinċep Abdallah. Dak iż-żmien, kif għidna, ma kienx hemm fruntiera mal-Ġordan għax ix-xaqliba tal-punent tax-xmara kienet ukoll territorju tar-Renju tal-Ġordanja.

Fil-post tat-tifkira tal-Magħmudija ta' Ġesù kien hemm jilqgħu lill-Papa l-Gvernatur ta' Ġerusalemm, il-Kmandant ta' Ġeriko u s-Sindku, flimkien mal-Kappillan ta' Ġeriko, is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija u l-istudenti u scouts tal-iskola tat-Terra Santa ta' Ġeriko. Il-Papa niżel lejn ix-xmara u wara mument ta' talb flimkien mal-Kardinali Testa u Tisserant u d-Delegat Apostoliku ta' Ġerusalemm, Monsinjur Lino Zanini, hu reġa' daħal fil-karozza u l-korteo papali beda triqtu tiela' mid-Deżert tal-Lhudija lejn Ġerusalemm.

Qabel ma wasal fil-Belt il-Qaddisa l-korteo waqaf fir-raħal ta' Betanja, fis-Santwarju li fih il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa jfakkru l-qawmien ta' Lazzru mill-mewt u l-laqgħa ta' Ġesù fid-dar ta' ħbiebu Marta, Marija u Lazzru. Hawnhekk il-Papa ntlaqa' b'entużjażmu mis-superjur tal-kunvent, Patri Agostino Patacconi. Wasal fit-3.50 pm. Flimkien mal-Kardinali u d-Delegat Apostoliku daħal jitlob fil-knisja li nbniet mill-Arkitett Antonio Barluzzi fl-1954, u li fiha għad hemm statwa żgħira tal-bronz ta' Pawlu VI biex tfakkar din il-ġrajja unika. Il-Papa daħal ukoll il-kunvent għal mument ta' mistrieħ u tratteniment mal-komunità ċkejkna, sakemm waslu l-bagalji li fihom kien hemm l-abiti pontifiċji li bihom kellu jagħmel l-ingress uffiċjali tiegħu f'Ġerusalemm. Fl-4.30 pm Pawlu VI beda triqtu biex jidħol Ġerusalemm.

Dak iż-żmien it-triq minn Betanja sa Ġerusalemm kienet qasira ħafna. Sa ftit tas-snin ilu biżżejjed li wieħed, bil-mixi, kien idur madwar l-Għolja taż-Żebbuġ u kien jilmaħ quddiemu l-koppla tlellex bid-deheb tal-Moskea tal-Koppla tal-Blata fuq l-ispjanata tat-Tempju u malajr jasal il-Ġetsemani. Sfortunatament illum hemm il-ħajt ta' sigurtà li Israel bena biex bih qata' lil Betanja barra minn Ġerusalemm, u mhux aktar possibbli li wieħed jasal hekk malajr fil-Belt il-Qaddisa, għax irid bilfors jgħaddi minn Abu Dis u barra Ma'ale Adummim biex jidħol minn taħt il-Monte Scopus permezz taċ-"check point" militari.

Fl-4.45 pm il-Papa wasal f'Ġerusalemm u niżel mill-karozza quddiem il-Bieb ta' Damasku. Hemmhekk sab jilqgħuh mhux biss l-awtoritajiet ċivili tal-Belt imma folla sterminata ta' nies li ħonqu d-daħla tal-Belt u t-triq dejqa li tidħol fis-Suq u twasslek lejn il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Tant kien kbir

l-entużjażmu li l-forzi tal-ordni sabuha diffiċli biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-Papa, u Pawlu VI wasal fil-Qabar ta' Kristu siegħa tard. Minkejja kollox żamm atteġġjament kalm u seren u sab ħin biex isellem l-akbar numru ta' nies possibbli fi triqtu lejn il-Bażilika. Ir-rassa kienet hekk kbira li Pawlu VI kellu jieqaf jistrieħ ftit fis-sitt stazzjoni tal-*Via Crucis*. Minkejja li kien jidher pallidu u għajjien, wara tbatija kbira u konfużjoni indeskrivibbli, irnexxielu jasal fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.



*Pawlu VI fil-Qabar ta' Kristu **

Malli wasal fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fis-6.00 pm, Pawlu VI għadda mis-soltu protokoll marbut mal-i*Status Quo* ta' dan il-Post Qaddis rigward l-ingressi solenni ta' personalitajiet ekkleżjastiċi. Sab jilqgħu fid-daħla tal-Bażilika l-Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Lino Cappiello, u wara li waqaf quddiem il-Blata tal-Unzjoni hu daħal għall-kant tat-*Te Deum*. Il-Papa mbagħad iċċelebra l-Quddiesa fuq l-altar li tqiegħed apposta quddiem l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu. Kien imdawwar minn rassa kbira u waqt il-Quddiesa, għal ftit mumenti,



*Pawlu VI iqaddes quddiem l-Edikola **


*Pawlu VI jiltaqa' mal-Patrijarka Grieg Ortodoss **

inqata' d-dawl elettriku u kien hemm ukoll nar li tfewh malajr. Wara l-Quddiesa l-Papa daħal għal ftit mumenti biex jitlob fis-skiet fuq il-Qabar vojt tal-Mulej Ġesù, wara li offra xi rigali lill-Kustodju, fosthom il-kalċi tad-deheb li bih iċċelebra l-Quddiesa, u fergħa taż-żebbuġ tad-deheb li ġab miegħu mill-Vatikan, rigal tal-morda ta' Ruma. Irregala wkoll il-pjaneta, il-kamżu u l-missal tal-Quddiesa. Qabel ma ħalla l-Bażilika l-Papa tela' fuq il-Kalvarju għal ftit mumenti ta' talb fis-skiet u ħareġ mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fis-7.15 pm.

Mill-Qabar ta' Kristu Pawlu VI baqa' sejjer fir-residenza tad-Delegat Apostoliku fit-Telgħa tal-Għolja taż-Żebbuġ. Għalkemm suppost li kellu jistrieħ, imma t-tliet sigħat li kien għad fadal sa ma kellu jmur fil-Ġetsemani rawh ukoll jaċċetta impenji oħrajn. Fid-Delegazzjoni Apostolika hu rċieva vista ta' kortesija tal-Patrijarka Grieg Ortodoss Benediktos, u tal-Patrijarka Armen Ortodoss Yegheshe Derderian. Imbagħad mar hu stess biex jirreċiproka l-vista ta' kortesija għand il-Patrijarka Grieg Ortodoss u fl-aħħar nett mar fil-Knisja ta' Sant'Anna, maġenb il-Bieb ta' San Stiefnu, biex jiltaqa' mal-Ġerarkija u l-kleru Kattoliku Orjentali.

Fl-10.30 pm Pawlu VI kellu jasal fil-Bażilika tal-Agunija tal-Ġetsemani għal siegħa ta' Adorazzjoni fuq il-Blata tal-Agunija. Minħabba l-ħafna impenji li kellu wasal fl-10.40 pm. Il-Papa daħal fil-Bażilika u baqa' sejjer dritt fuq il-presbiterju fejn kienu jistennewh bosta dinjitarji ekkleżjastiċi, fosthom il-Ministru Ġenerali Agostino Sepinski ofm u d-Definitorju Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Wara li temm l-Adorazzjoni, il-Kappillan ta' Ġerusalemm Patri Domenico Picchi offra lill-Papa Kurċifiss tal-injam taż-żebbuġ, maħdum



*Pawlu VI f'Tabgha, fuq l-Għadira tal-Galilija* *

minn artiġjan minn Betleħem. Qabel ma ħalla l-Bażilika tal-Agunija fil-11.30 pm wara ġurnata intensa u twila, Pawlu VI bierek fergħa taż-żebbuġ li tħawlet biex kibret f'siġra flimkien mas-siġar millenarji taż-żebbuġ li jfakkru l-post tal-agunija tal-Mulej Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ.

## Il-Ħadd 5 ta' Jannar 1964

Fis-7.00 am tal-Ħadd 5 ta' Jannar il-Papa Pawlu VI beda l-vjaġġ tiegħu lejn il-Galilija. Dak iż-żmien, kif rajna, il-Galilija kienet diġà tagħmel parti mill-Istat ta' Israel. Pawlu VI daħal f'Israel mis-sit arkeoloġiku ta' Tel Tanaakh, bejn Jenin u Meghiddo, u mar jiltaqa' mal-President ta' Israel Zalman Shazar f'Meghiddo. Dan kien ġest profetiku min-naħa ta' Pawlu VI. Fl-1964 il-Vatikan kien għadu ma jirrikonoxxix l-Istat ta' Israel, imma l-Papa xorta waħda aċċetta li jiltaqa' mal-kap tal-Istat f'dan is-sit arkeoloġiku importanti fuq il-pjanura ta' Esdrelon jew Yizre'el. F'dan il-post Pawlu VI għamel diskors qasir lill-"Poplu tal-Alleanza", li fih sellem lill-President ta' Israel bit-tislima tal-paċi: *Shalom*. Pawlu VI qatt ma semma' l-Istat ta' Israel, filwaqt li l-President Shazar sellimlu bil-kelmiet: "B'rispett profond u b'kuxjenza sħiħa tat-tifsira storika ta' din il-ġrajja li qatt ma seħħet oħra bħalha fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija, f'ismi u f'isem l-Istat ta' Israel nilqa' l-Papa." Wara din il-laqgħa kordjali Pawlu VI kompla fi triqtu lejn Nazaret.

Il-kronaka tal-kunvent ta' Nazaret tirrakkonta fid-dettall il-problemi kollha li kellhom jafaċċjaw il-Franġiskani fl-organizzazzjoni tal-vista tal-Papa fis-Santwarju ta' Nazaret. Ta' min jiftakar li, fl-1964, is-Santwarju kbir li naraw illum, opra tal-arkitett Giovanni Muzio, kien għadu qed jinbena, u kienet għadha wieqfa l-knisja parrokkjali antika li kienet ħafna iżgħar. Jidher li kien hemm

problemi kbar għax il-pulizija Israeljana ma riedet assolutament li ħadd mill-insara lokali ma jidħol fil-knisja, minħabba s-sigurtà tal-Papa, filwaqt li riedet li jidħlu biss l-awtorijiet reliġjużi u diplomatiċi. Kien hemm ukoll problemi mal-Arċisqof Grieg Kattoliku (Melkita) ta' Akri, Maximos V (Georges) Hakim, li mbagħad sar Patrijarka ta' Antjokja.

Mal-wasla tiegħu quddiem is-Santwarju ta' Nazaret fl-10.50 am, Pawlu VI sab jilqgħuh lid-Delegat Apostoliku Monsinjur Lino Zanini, lill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, Monsinjur Alberto Gori ofm, lill-Arċisqof Hakim, lil Monsinjur Capozi, Arċisqof ta' Taiyuan, imkeċċi miċ-Ċina, lil Patri Agostino Sepinski, Ministru Ġeneral tal-Franġiskani, lil Patri Angelico Lazzeri, Prokuratur Ġenerali ofm, u lil Patri Lino Cappiello ofm, Kustodju tal-Art Imqaddsa. Fil-bieb tal-Bażilika laqa' lill-Papa Patri Camillo Carta, Gwardjan tal-Franġiskani f'Nazaret. Il-Papa daħal fil-Bażilika u mbagħad niżel fil-Grotta tal-Annunċjazzjoni biex hemmhekk jiċċelebra l-Quddiesa.

F'Nazaret Pawlu VI għamel diskors ċelebri dwar il-Verġni Marija, fejn sejħilha "mimlija bil-grazzja, Immakulata, kollha kemm hi verġni, Omm Kristu, Omm Alla u Omm u mudell tal-Knisja." Imbagħad tkellem dwar il-Familja Mqaddsa bħala skola ta' qdusija li fiha nitgħallmu l-ħajja ta' Ġesù. Nazaret tgħallimna l-valur tad-dixxiplina spiritwali, tas-silenzju, tal-qdusija tal-ħajja tal-familja, tal-qdusija tax-xogħol. Dan id-diskors kien hekk imqanqal li parti minnu ddaħħal fil-liturġija tas-sigħat tal-Festa tal-Familja Mqaddsa.

Wara l-Quddiesa Pawlu VI daħal fil-kunvent tal-Franġiskani għal kolazzjon u ftit mistrieħ qabel ma kompla fi triqtu lejn l-Għadira tal-Galilija. Fi triqtu lejn is-Santwarji tal-Għadira kien hemm ukoll il-ħsieb li jieqaf għal mument qasir fis-Santwarju ta' Kana, imma sfortunatament minħabba l-ħin limitat u b'dispjaċir immens tal-kappillan u l-komunità Kattolika ta' dan ir-raħal, il-korteo papali baqa' għaddej bla ma waqaf.

Mal-wasla tiegħu fuq ix-xatt tal-Għadira tal-Galilija l-korteo papali baqa' sejjer dritt lejn is-Santwarju tat-Tkattir tal-Ħobż f'Tabgha, imħares mill-monaċi Benedittini, fejn il-Papa waqaf għal ftit minuti jitlob fuq il-*Mensa Christi*, il-blata li tfakkar il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż. Imbagħad kompla ftit metri bogħod lejn is-Santwarju tal-Primat ta' San Pietru, ukoll f'Tabgha, Santwarju mħares mill-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Malli wasal intlaqa' mill-patrijiet u libes stola ħamra li mbagħad ħalla bħala rigal lis-Santwarju qabel ma daħal fil-knisja ċkejkna li tfakkar l-ikla tal-appostli mal-Mulej Ġesù irxuxtat u l-istqarrija ta' fidi u mħabba ta' Pietru. Dan hu Santwarju mimli tifsir għall-Papa, għax proprju f'dan il-post Ġesù qal lil Pietru: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi" u talbu għal tliet darbiet



*Pawlu VI fuq il-Mensa Christi* *


*Pawlu VI fiċ-Ċenaklu* *

lanċa minn Tiberija, imma mbagħad dan il-pjan tħassar. Kien preżenti wkoll Patri Virgilio Corbo, il-Franġiskan arkeologu li mexxa l-iskavi ta' Kafarnahum għal ħajtu kollha. Pawlu VI daħal b'pass mgħaġġel fil-proprjetà tal-Franġiskani u mar dritt lejn is-Sinagoga, fejn irċieva l-ispjegazzjoni arkeoloġika u storika ta' dan il-monument li jfakkar kemm-il ġrajja evanġelika. Minn hemm il-Papa mar lejn il-fdalijiet tal-knisja Biżantina fuq il-ġebel sewdieni li jfakkar il-ħitan tad-dar ta' San Pietru. Wara din il-vista mgħaġġla, fis-1.55 pm il-korteo papali ħalla Kafarnahum biex il-Papa jmur iżur is-Santwarju tal-Beatitudni fejn kellu wkoll jiekol u jistrieħ ftit qabel ikompli l-pellegrinaġġ intensiv tiegħu.

jekk iħobbux. Fil-knisja kien hemm inġinokkjatur quddiem il-blata msejħa *Mensa Christi*, fejn Ġesù kiel mal-appostli l-ħobż u l-ħut mixwi. Wara ftit mumenti ta' talb il-Papa niżel ibus il-blata qaddisa. Is-superjur Franġiskan imbagħad stiednu joħroġ mill-bieb tal-ġenb tas-Santwarju fuq il-blata li tibqa' nieżla lejn xatt l-Għadira, fejn hemm it-tnax-il tron imsemmijin mill-pellegrina Egeria fis-sena 384, b'tifkira tal-appostli madwar il-Mulej Ġesù. Il-Papa ħareġ fuq il-blata u niżel sal-ilma tal-Għadira, li mess b'subgħajh qabel ma bierek lil dawk li kienu preżenti. Fl-1964 l-Għadira kienet tasal ħafna qrib il-knisja, mhux bħal-lum, għax dak iż-żmien kienet aktar għolja fil-livell tagħha.

Il-korteo papali mbagħad kompla fi triqtu lejn Kafarnahum, Santwarju ieħor li jfakkar id-dar ta' San Pietru, wkoll f'idejn il-Franġiskani. Dak iż-żmien ma kienx għad hemm il-Memorjal ta' San Pietru li naraw illum, imma kienu għadhom sejrin l-iskavi taż-żona arkeoloġika u tal-knisja Biżantina li ssemmi Egeria fis-seklu 4. Oriġinarjament kien maħsub li l-Papa kellu jasal Kafarnahum fuq il-

Fuq il-Beatitudni l-Papa seta' jikkontempla s-sbuħija tal-anfiteatru naturali tal-Għadira tal-Galilija, u wara l-ikel mar ukoll għal ftit mumenti f'kamra mħejjija apposta fl-Ospizju tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija, li jieħdu ħsieb is-Santwarju, li tagħti direttament fuq is-Santwarju u fuq il-vista tal-Għadira. Mill-Beatitudni Pawlu VI mbagħad telaq lejn il-Għolja tat-Tabor.

Fl-4.30 pm il-Papa Pawlu VI wasal quddiem is-Santwarju tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor, fejn ġie milqugħ mill-Gwardjan Patri

Lodovico Cigliano u minn ftit patrijiet Franġiskani. Quddiem il-Bażilika monumentali l-Papa staqsa jekk dik il-binja sabiħa kinetx opra ta' Barluzzi u wera l-apprezzament tiegħu għall-eleganza tagħha. Meta daħal ġewwa mar quddiem il-kappella tas-Sagrament fejn talab it-*Tantum Ergo*, u mbagħad niżel fil-kripta wara li waqaf jammira l-mużajk tal-abside li jirrappreżenta x-xena tat-Trasfigurazzjoni. Wara li ħareġ mill-Bażilika Pawlu VI ġie muri l-panorama lejn in-naħa tat-tramuntana, u mbagħad daħħluh fis-salott tal-pellegrini minn fejn ħareġ fuq is-setaħ biex jammira l-panorama tan-nofsinhar, bl-ispjegazzjonijiet tad-diversi postijiet. Qabel telaq mit-Tabor il-Papa ħalla l-istola li kien uża biex iżur is-Santwarju u medalja tal-fidda kommemorattiva. Imbagħad il-korteo papali beda t-triq tiegħu lura lejn Ġerusalemm. Minkejja ġurnata hekk intensa Pawlu VI kellu quddiemu aktar impenji dik il-lejla!

Il-Papa wasal Ġerusalemm fis-7.50 pm. Fil-laqgħa tiegħu mal-President Israeljan li sellimlu Pawlu VI tkellem b'mod spontanju u kuraġġuż dwar il-figura tal-Papa Piju XII (Papa Pacelli) u l-isforzi tiegħu biex iħares lill-vittmi tal-krudeltà Nazista fil-Gwerra Dinjija tal-1939-1945, fosthom bosta Lhud fil-belt ta' Ruma. Fit-8.15 pm Pawlu VI daħal biex jitlob fiċ-Ċenaklu. Baqa' impressjonanti r-ritratt ta' Pawlu VI li niżel għarkopptejn fuq il-qiegħa tal-art tas-sala li tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija u tas-saċerdozju, il-kmandament tal-imħabba u l-inżul tal-Ispirtu s-Santu nhar Pentekoste. Iż-żona kollha taċ-Ċenaklu u tal-Abbazija Benedittina tad-Dormizzjoni kienet issiġillata mis-sigurtà Israeljana. Ma ninsewx li dak iż-żmien iż-żona barra l-Bieb ta' Sijon kienet parti mill-Istat ta' Israel, filwaqt li mill-ħitan 'il ġewwa l-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm kienet parti mill-Ġordanja. L-uniku patri li tħalla jidħol fiċ-Ċenaklu mal-ftit akkompanjaturi tal-Papa kien Fra Isidoro. Il-kumplament kellhom


*Kripta tal-Qabar tal-Madonna*


*Knisja tan-Nativitá, Betlehem*

jistennew il-Papa fid-daħla tal-Abbazija tad-Dormizzjoni.

Fit-8.30 pm l-Abbati u l-monaċi tal-Abbazija tad-Dormizzjoni laqgħu lill-Papa Pawlu VI b'ingress u purċissjoni lejn il-Kripta, fejn il-Papa waqaf għal kwarta biex jitlob u jsellem lill-komunità monastika. Fit-8.45 pm Pawlu VI ħalla l-Għolja ta' Sijon lejn id-Delegazzjoni Apostolika, fejn kellu tistennih laqgħa importantissima li tat tifsira għal kollox ġdida u definittiva lill-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa.

Malli wasal fid-Delegazzjoni Apostolika, Pawlu VI kellu laqgħa storika mal-Patrijarka ta' Kostantinopli Athenagoras I, li ġie Ġerusalemm apposta biex isellimlu. Is-suċċessur tal-Appostlu San Pietru u s-suċċessur tal-Appostlu Sant'Andrija laqgħu lil xulxin b'tgħanniqa fraterna wara 910 snin ta' firda u skomunika reċiproka bejn il-Knisja Kattolika ta' Ruma u l-Knisja Griega Ortodossa ta' Kostantinopli. Il-Papa u l-Patrijarka talbu l-"Missierna" flimkien mad-delegazzjonijiet rispettivi tagħhom bil-Latin u bil-Grieg. Athenagoras qal lill-Papa li hu xtaq li dik il-laqgħa "tkun il-bidu ta' jum imdawwal u mbierek, li fih il-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jaqsmu flimkien l-istess kalċi tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej." Il-Papa Montini offra lil Athenagoras kalċi tad-deheb bħala rigal. Fost affarijiet oħrajn Pawlu VI qal: "Aħna nħossuna kommossi b'ferħ kbir li wasalna għal din is-siegħa, li se tibqa' mfakkra fl-istorja, li fiha l-Knisja Kattolika u l-Patrijarkat ta' Kostantinopli jiltaqgħu wiċċ imb wiċċ fil-persuni tal-Isqfijiet l-aktar importanti rispettivi, wara tant sekli ta' silenzju u stennija. Bil-qawwa kollha rridu nirringrazzjaw lilek ukoll, li għoġbok tiġi hawnhekk mis-sede patrijarkali tiegħek biex tiltaqa' magħna. Il-Kristjani mill-qedem kien jemmnu li ċ-ċentru tad-dinja jinsab fil-post li fih ġie mwaqqaf is-Salib glorjuż tal-Feddej tagħna, u fejn Hu ġibed lejh lil kulħadd meta ġie merfugħ bejn sema u art (cfr. Ġw 12,32)."

B'din il-laqgħa storika, li tagħha qegħdin niċċelebraw għeluq il-50 sena, intemmet it-tieni ġurnata intensa tal-Papa Pawlu VI fl-Art Imqaddsa. Imma l-ġurnata intemmet biss wara li Pawlu VI laqa' l-vista ta' tifel ċkejken marid bil-polio, li dakinhar ma rnexxilux jarah minħabba l-konfużjoni tal-folla. Il-kappillan Patri Domenico Picchi qallu bih, u Pawlu VI laqgħu fi ħdanu fl-10.20 pm, f'ġest ta' sensibilità straordinarja.


*Pawlu VI jiltaqa' mal-Armeni* *

## It-Tnejn 6 ta' Jannar 1964

Pawlu VI beda t-tielet u l-aħħar jum tal-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa meta fis-7.00 am telaq mid-Delegazzjoni Apostolika u mar Betleħem fil-Bażilika tan-Nativitа̀, fejn wasal fis-7.50 am. Kien is-6 ta' Jannar, Solennità tal-Epifanija tal-Mulej, li tiġi ċċelebrata bil-kbir mill-Franġiskani f'Betleħem.

Il-Franġiskani kienu xtaqu li l-Papa jidħol fil-Grotta tan-Nativitа̀ billi jgħaddi miċ-ċentru tal-Bażilika, imma minħabba r-regoli tal-i*Status Quo*, kien jeħtieġ il-kunsens tal-Griegi u tal-Armeni Ortodossi. Il-Patri Kustodju kien bagħat ittra fl-20 ta' Diċembru 1963 lill-Patrijarka Grieg Ortodoss biex jurih b'din ix-xewqa, imma dan ma kienx wieġeb għar-rikjesta uffiċjali tal-Kustodju. Il-Franġiskani f'Betleħem saru jafu biss bil-fatt li l-Patrijarka ma kellux intenzjoni li jagħti l-kunsens tiegħu. It-tweġiba li ngħatat lill-ġurnalisti kienet li dan ma setax iseħħ minħabba xogħlijiet ta' manutensjoni fil-Bażilika!

Pawlu VI għalhekk daħal fil-Bażilika bil-mod tas-soltu, mill-bieb tal-umiltà, dritt lejn ix-xellug għall-kjostru ta' San Ġilormu, daħal fil-Knisja parrokkjali ta' Santa Katerina, u mbagħad għadda mill-bieb ta' Joinville lejn il-kappellun tat-tramuntana tal-Bażilika, biex minn hemm niżel fil-Grotta, fejn iċċelebra l-Quddiesa fit-8.00 am. Wara l-Quddiesa l-Papa għamel diskors li fih, fost affarijiet oħrajn, qal: "Fil-mument li fih sejrin inħallu Betleħem, dan il-post tas-safa u s-skiet li fih twieled Kristu kważi għoxrin seklu ilu, aħna nitolbu lill-Prinċep tal-paċi, filwaqt li nħossuna fi dmir li nduru lejn dawk kollha li huma kapijiet tal-Istati u li għandhom


*Grotta tan-Nativitа̀*


*Il-Maxtura*

ir-responsabiltà tal-popli, biex jaħdmu favur il-paċi fid-dinja."

Il-kronista tal-kunvent ta' Betleħem jiddeskrivi l-ferħ kbir tal-folol li laqgħu lil Pawlu VI f'Betleħem u t-tiżjin li kien hemm fit-toroq, sa mill-monasteru Grieg Ortodoss ta' Mar Elias, li dak iż-żmien kien jimmarka l-bidu ta' Betleħem. Skont kif soltu jsir fil-protokoll, il-Papa ġie milqugħ quddiem il-monasteru ta' Mar Elias mill-awtoritajiet ċivili ta' Betleħem. Malli wasal fil-Pjazza tan-Nativitа̀ l-Papa niżel fuq tapit aħmar u baqa' sejjer lejn id-daħla tal-Bażilika fejn laqgħu l-Gwardjan Patri Justo Artaraz. Is-sagristan Franġiskan offra lill-Papa l-istatwa ta' Ġesù Bambin ta' Betleħem. Il-Papa mbagħad daħal fil-Bażilika u għadda għall-knisja ta' Santa Katerina waqt il-kant tat-*Te Deum*. Fil-Quddiesa li iċċelebra fuq l-altar tal-maxtura fil-Grotta tan-Nativitа̀ l-Papa kien assistit mill-Kardinali Cicognani u Tisserant, mill-Patrijarki, fosthom il-Patrijarka Latin Alberto Gori, mid-Delegat Apostoliku u mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa. Wara l-Quddiesa l-Papa offra lis-Santwarju l-aħħar warda tad-deheb li l-Papiet kienu soltu jibagħtu lir-rejiet u prinċpijiet darba fis-sena, nhar *Dominica Laetare*, għax ried li din il-warda tkun offruta lil Ġesù Bambin, il-veru prinċep tal-paċi. Rigali oħrajn li offra l-Papa kienu ċensier, kalċi, pissidi, missal u l-paramenti sagri li libes biex iċċelebra l-Quddiesa, flimkien ma' *Breve Apostolico* li akkumpanja d-don tal-warda tad-deheb.

Il-Papa deher għajjien wara tant taħbit, u l-awtoritajiet ċivili u reliġjużi qablu li ma kellux jitlajja f'Betleħem imma jitlaq malli jtemm id-diskors tiegħu. Malli temm dan id-diskors il-Papa reġa' lura lejn il-knisja ta' Santa Katerina u l-kjostru ta' San Ġilormu biex reġa' daħal fil-Bażilika maġenb il-bieb ewlieni u mbagħad ħareġ mill-bieb tal-umiltà fil-Pjazza tal-Maxtura, fejn daħal fil-karozza li minnha sellem il-folla qabel ma telaq lura lejn Ġerusalemm.

Lura lejn id-Delegazzjoni Apostolika l-Papa Pawlu VI fl-10.15 am mar fuq l-Għolja taż-Żebbuġ fil-palazz tal-Patrijarka Grieg Ortodoss maġenb il-knisja tal-*Viri Galilei*, biex hemmhekk jerġa' jżur mill-ġdid u jirreċiproka l-vista tal-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Kostantinopli Athenagoras I. F'diskors li qrah Pawlu VI qal: "Miż-żewġ naħat it-toroq li jwasslu għall-għaqda huma twal u mimlijin diffikultajiet. Imma ż-żewġ toroq jiltaqgħu flimkien jekk imorru fl-għejun tal-Vanġelu. Mhix verament

providenzjali din il-laqgħa li llum qed nagħmlu proprju fuq din l-Art li fiha Kristu waqqaf il-Knisja tiegħu u xerred demmu għaliha?" Athenagoras irregala lill-Papa salib tad-deheb mill-Monte Athos, u *engolpion*, medaljun ta' forma ovali bix-xbieha ta' Kristu, li jintuża mill-isqfijiet Biżantini, u hu għen personalment lill-Papa biex jilbsu. Il-laqgħa ntemmet billi l-Papa u l-Patrijarka qraw il-kapitlu 17 tal-Vanġelu skont San Ġwann, bil-Grieg u mbagħad bil-Latin, mill-istess kopja tal-Ktieb tal-Vanġeli. Imbagħad qalu flimkien, bil-Grieg u bil-Latin, il-*Missierna*. Fl-aħħar nett il-Papa u l-Patrijarka bierku lil dawk preżenti flimkien.

Wara li ħalla r-residenza tal-Patrijarka Grieg Ortodoss, Pawlu VI mar jiltaqa' mal-komunità Kattolika tar-Rit Latin, akkumpanjat mill-Patrijarka Alberto Gori, fil-knisja konkattidrali ta' Ġerusalemm, fejn il-Patrijarka Latin għandu r-residenza tiegħu. Waqt li kien jinsab fil-Patrijarkat biex isellem lill-kleru Latin qabel ma kellu jħalli Ġerusalemm biex jirritorna lejn Ruma, Pawlu VI sar jaf li kienet xewqa ta' marid paralitiku jismu Mattia Nahhas li jarah, billi kien anzjan u ma setax joħroġ mid-dar. Dan ir-raġel kien jgħix f'dar tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa magħrufa bl-isem "Dar Karuz" fit-triq li minn Casa Nova twassal għall-Bieb ta' Ġaffa. Kienu l-11.35 am. Akkumpanjat mill-kappillan tal-parroċċa ta' San Salvatur il-Papa mar personalment id-dar tal-marid, bierku u tah bħala rigal kuruna tar-Rużarju. Flimkien talbu l-*Ave Maria*, u mbagħad Pawlu VI ħalla bħala karità lill-marid is-somma ta' 250 dollari Amerikani. Qabel telaq Pawlu VI bierek xi ħbejżiet li n-nies tal-qrib offrewlu. Fuq id-dar fejn mar Pawlu VI illum hemm iskrizzjoni li tfakkar din il-ġrajja li turi l-qalb twajba ta' dan il-Papa. Pawlu VI imbagħad irritorna lejn id-Delegazzjoni Apostolika biex jiltaqa' ma' grupp ta' pellegrini mid-djoċesi ta' Milan.

Wara l-ikel il-Papa telaq minn Ġerusalemm lejn il-belt ta' Amman fil-Ġordanja biex minn hemm jieħu l-ajruplan ħalli jirritorna lejn Ruma. Fl-ajruport sab isellimlu r-Re Hussein tal-Ġordanja. Lir-Re l-Papa qallu: "Wasal il-waqt li nħallu din l-art wara dan il-pellegrinaġġ indimentikabbli tagħna. Ma nistgħux nitilqu mingħajr ma nesprimu b'mod pubbliku l-gratitudni tagħna lejn il-Maestà tiegħek u lejn l-awtoritajiet ċivili li ħadmu biex stajna nwettqu dan il-vjaġġ (…) Nitilqu billi ntennu t-tislima apostolika: 'Sliem lil din l-art u lil kull min jgħammar fiha.'"



L-ajruplan li wassal lil Pawlu VI lura lejn Ruma niżel fl-ajruport ta' Ciampino fis-6.30 pm. Waqt il-vjaġġ lejn Ruma Pawlu VI kien akkumpanjat personalment mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Lino Cappiello. Kien hemm jistenna lill-Papa l-President tal-Italja Antonio Segni, li Pawlu VI sellimlu b'diskors li fih irringrazzja lill-awtoritajiet ċivili Taljani. Imma l-Papa kellu wkoll kliem ta' ringrazzjament għall-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa: "ulied San Franġisk, tant benemeriti għall-preżenza sekolari tagħhom fl-Art ta' Ġesù."

Il-folol li kienu jistennew lill-Papa mat-triq li minnha għaddiet il-karozza tiegħu mill-ajruport sal-Vatikan kienu xhieda ta' kemm il-vjaġġ tal-Papa fl-Art Imqaddsa kien ġie segwit. Meta daħal fil-Vatikan, għalkemm għajjien mejjet, Pawlu VI ried li jidher fit-tieqa tal-uffiċċju tiegħu biex isellem lill-folla li ħarġet tilqgħu. Qalilhom: "Intom fhimtu li l-vjaġġ tiegħi ma kienx biss fatt singulari u spiritwali: kien avveniment li se jkollu importanza storika kbira."

## Pawlu VI jħalli opri ta' karità u ekumeniżmu fl-Art Imqaddsa

F'nota li kiteb fil-21 ta' Settembru 1963 Pawlu VI jgħid: "Jeħtieġ naraw kif matul il-vista qasira tal-Papa fil-Palestina nħallu benefiċċji u tifkiriet xierqa."

Matul il-pellegrinaġġ, bħala sinjal li jidher taż-żjara tiegħu fl-Art Imqaddsa, Pawlu VI ried li f'Betleħem tinbena skola għar-riabilitazzjoni tat-tfal Palestinjani bi problemi ta' smigħ u kliem. Biex iwettaq din ix-xewqa tiegħu sab l-għajnuna ta' Suor Irma Zorzanello, Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet ta' Santa Dorotea Ulied il-Qlub Imqaddsa, li ilhom fl-Art Imqaddsa mill-1927. Din fit-8 ta' April 1970 tat lil Pawlu VI biċċa art li kienet proprjetà tal-Kongregazzjoni u li fiha s-Sorijiet kienu qegħdin jibnu kunvent fit-Triq imsemmija proprju għal Pawlu VI f'Betleħem. Fit-23 ta' April 1970 is-Sostitut tas-Segreterija tal-Istat kiteb lis-Superjura Ġenerali biex jirringrazzjaha u jgħidilha l-Papa kien laqa' l-offerta tagħha. Imma hu ried jirrestitwixxi l-proprjetà lill-istess Kongregazzjoni bl-iskop li s-sorijiet Dorotej jieħdu ħsieb huma li jgħixu fil-kunvent u jmexxu l-iskola, u li l-Papa kien joffri l-ispejjeż kollha biex din l-iskola tkun mgħammra bl-attrezzaturi moderni xjentifiċi. Id-Delegat Apostoliku għal Ġerusalemm u l-Palestina kellu jieħu ħsieb jikkordina l-kollaborazzjoni bejn il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet u l-Missjoni Pontifiċja għall-Palestina biex din l-opra tiġi ffinanzjata.

L-Istitut Effata ta' Pawlu VI ġie inawgurat fit-30 ta' Ġunju 1971. Fl-14 ta' Novembru 2011 il-Papa Benedettu XVI għolla dan l-istitut għal grad ta' Istitut Pontifiċju Effeta Pawlu VI.

Sa minn Ottubru 1963 Pawlu VI kellu l-idea li jwaqqaf Istitut Ekumeniku għall-istudji teoloġiċi bejn rappreżentanti ta' diversi Knejjes Ortodossi, Anglikani, Protestanti u Kattoliċi. Wara li ġie lura mill-Art Imqaddsa u mill-esperjenza tal-laqgħa mal-Patrijarka Athenagoras, din il-ħolma saret realtà. Pawlu VI ried li jinbena ċentru ta' Studji Ekumeniċi f'Tantur, għolja bejn Mar Elias u Betleħem. Fl-1967 inkariga lill-Professur Theodore Hesburgh biex iwettaq dan il-proġett. It-Tantur Institute beda l-attività tiegħu fl-1972, b'korsijiet, laqgħat ekumeniċi u bibljoteka ekumenika fost l-aqwa li jeżistu. Dan l-Istitut ikompli sal-lum il-ġurnata l-missjoni tiegħu ta' pont bejn il-Knejjes Insara bħala sinjal tal-ħeġġa li kellu Pawlu VI biex dawk kollha li jemmnu fi Kristu jikkollaboraw flimkien fl-istess Art li fiha Kristu waqqaf il-Knisja tiegħu.

** Ħajr lill-Kustodja għal dawn ir-ritratti*



# MALTA SALVAT LIL PAWLU PAWLU JSALVA LIL MALTA

**_Fr Charles Buttigieg_**

*"Xħin konna meħlusin, għarafna li l-gżira kien jisimha Malta."*

*(Atti 28:1)*

## Mill-Palestina għal Ruma

Żgur li waħda mill-isbaħ paġni li nsibu fl-Iskrittura Mqaddsa għalina l-Maltin u l-Għawdxin, huma l-kapitli 27 u 28 tal-Atti tal-Appostli fejn naraw ir-rakkont tal-vjaġġ ta' San Pawl lejn Ruma biex jappella għand Ċesari. Hawnhekk l-awtur sagru San Luqa, preżenti huwa nnifsu ma' San Pawl, idaħħalna f'din l-esperjenza ta' dan il-vjaġġ, liema vjaġġ isib il-kenn tiegħu fin-nawfraġju hawn f'Malta. Esperjenza li ddaħħal li qarrej fil-vjaġġ ta' din in-navigazzjoni, imma fuq kollox lilna bħala Maltin meta jsemmi l-isem ta' 'Malta' fl-Atti 28:1. Hekk jiktbilna l-biblista J.S. Howson fit-Tieni Volum tad-Dizzjunarju Bibbliku li kien ippubblikat ġewwa Londra fl-1863 f'paġna 315: *"Malta has an illustrious place in Scripture, as the scene of the shipwreck of St. Paul which is described in such minute detail in the Acts of the Apostles."*

## Ir-'Raba' Vjaġġ Missjunarju'

Ma nkunux qegħdin niżbaljaw jekk mat-tliet vjaġġi missjunarji ta' San Pawl li huwa għamel qabel is-sena 58 W.K., inżidu dan il-vjaġġ li għamel Pawlu mill-Palestina għal Ruma bħala priġunier, imma li l-Providenza ta' Alla riedet ukoll li dan il-vjaġġ jieħu xejra missjunarja meta wara n-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, naraw il-predikazzjoni tiegħu fit-tliet xhur li huwa għamel fil-gżejjer tagħna. Ta' min jgħid li San Pawl wera din ix-xewqa li jmur Ruma kif naraw f'Atti 19:21.

Liema vjaġġ bil-baħar huwa rrakkontat b'mod dettaljat ħafna mill-għaref San Luqa, awtur tat-tielet Evanġelju ukoll. Fiż-żewġ kapitli msemmija, jiġifieri dawk 27 u 28 tal-Atti, insibu xejn inqas minn 18-il kelma griega marbuta man-navigazzjoni fosthom: *anago*, *pleo*, *ekpipto*, *periaireo*, *nautes*, *paralegomai*, *hypopleo*, *chalasantes* u *skeuos*. Il-valur ta' dan ir-rakkont jara l-qofol tiegħu ukoll għaliex wieħed mill-protagonisti huwa l-awtur nnifsu. San Luqa għalhekk, imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, f'dan ir-rakkont jilbes il-libsa ta' ġurnalista per eċċellenza. Infatti dawn il-kapitli jagħmlu parti mill-'*we sections/narratives*' jew is-'sezzjonijiet - aħna', li jirriflettu x-xhieda awtentika okulari ta' Luqa, li dejjem jikteb b'mod eżatt u bi kliem tassew meqjus. Fil-fatt f'Atti 27:1-28:16 insibu din ir-raba '*we section*' tal-Atti (l-oħrajn huma 16:10-17; 20:5-16 u 21:1-18 u kollha għandhom x'jaqsmu mal-vjaġġ bil-baħar: Filippi, Miletus, Ġerusalemm u Ruma).

Il-vjaġġ lejn Ruma kellu jieħu lil San Pawl biex jappella għand Ċesari wara li kien arrestat taħt Felix u miżmum għal sentejn fil-ħabs ta' Ċesarija Marittima li kienet port mibni minn Erodi l-Kbir. Fuq il-ġifen huwa jkun flimkien ma' priġunieri oħra li kienu kollha taħt il-kustodja taċ-ċenturjun Ruman Ġulju li kien jappartjeni għat-truppi Rumani tal-kumpanija ta' Awgustu. Kien hemm Luqa, Trofimu, u Aristarku Maċedoni minn Tessalonika (ara Atti 19:29 u 27:2). Fil-bidu telqu ma'

ġifen li kien mill-port ta' Adramitti (Adramyttium) fil-Misja, fuq il-kosta Eġeja, qrib Troja u Troas (illum Karatash). Il-ġifen kien sejjer lejn il-portijiet tal-Asja Minuri tal-lum, fejn kien dejjem jgħabbi u jħott il-merkanzija. In-navigazzjonijiet dejjem kienu jgħaddu qrib il-portijiet u dan għal ħafna raġunijiet, fuq kollox minħabba l-maltemp. Ta' min isemmi hawnhekk li t-temp favorevoli għan-navigazzjoni kien bejn April u Settembru, l-iktar l-iktar sa Ottubru. Fix-xitwa, minn Novembru sal-bidu ta' Marzu, il-baħar kienu jgħidu li kien 'magħluq' għat-tbaħħir. Dan jgħidulna ukoll Vegetius fil-ktieb tiegħu 'De re militari'.

Aktarx telqu minn Ċesarija Marittima fil-Palestina. Dan kien l-ikbar port tal-imperu Ruman mibni minn Erodi għal Ċesari u li kien ġie inawgurat fis-sena 10 Q.K., illum jinsab mgħarraq fil-baħar. Il-jum ta' wara għaddew minn Sidon tal-Feniċja (illum Saida, fil-Libanu), fejn f'din l-ewwel tappa, iċ-ċenturjun Ġulju ppermetta lil Pawlu jinżel mill-ġifen u jżur xi ħbieb, li daru bih. Iċ-ċenturjun hawnhekk applika l-liġi tal-*custodia militaris* li kienet tippermetti li wieħed ħabsi jżur lil ħbiebu akkumpanjat minn suldat. Telqu mbagħad minn Sidon u qabdu jbaħħru lejn it-tramuntana, taħt ir-riħ ta' Ċipru,



imma billi r-riħ ma kienx favorevoli għaddew minn wara Ċipru u qasmu l-baħar taċ-Ċiliċja u Pamfilja, u wara ħmistax-il ġurnata waslu fil-port regulari għat-trasport tal-qamħ ta' Mira fil-Liċja, fin-nofsinhar tal-Asja Minuri (illum Andraki, fejn San Nikola kien Isqof fir-4 seklu W.K.). Hawnhekk niżlu minn dan il-ġifen li kien sejjer lejn Adramitti u telgħu fuq ġifen ieħor li kien ġej minn Lixandra (fid-delta tan-Nil fl-Eġittu) probabbilment b'tagħbija qamħ għall-Italja (ara Atti 27:6). Din kienet is-sistema tan-navigazzjoni fil-vjaġġi twal bil-baħar, fejn kienu jibdlu l-ġifen u jitilgħu fuq ieħor, dejjem fuq dak li kien se jwassalhom l-iktar qrib tal-post tad-destinazzjoni.

Huma baqgħu jivjaġġaw għal diversi jiem u dan għaliex forsi ma kellhomx ir-riħ favorihom għax suppost f'ġurnata waħda kellhom jaslu fi Knido, peninsula ta' Karia, bejn Kos u Rodi. Minħabba li dejjem kellhom riħ ma tantx favorevoli, huma salpaw lejn in-nofsinhar lejn il-gżira ta' Kreta (minn fejn oriġinaw il-Filistej u fejn Titu kien ragħaj), lejn in-naħa ta' Salmone f'ilvant tal-gżira (illum *Capo Sideros*) u għaddew 'l isfel lejn *Buona Porti* jew Portijiet is-Sbieħ (illum *Kali Limenes*) fejn kien hemm il-belt ta' Lasaja.

## Tempesta Qalila

Billi kienet għaddiet il-festa tal-Espjazzjoni jew Jum il-Maħfra (il-*Yom Kippur*), li tiġi bejn Settembru u Ottubru (fis-sena 60 W.K. il-festa ħabtet fl-24 ta' Ottubru), dan il-vjaġġ lejn Ruma beda jsir perikoluż ħafna. Pawlu saħaq li jibqgħu għall-kenn fi Kreta minħabba l-qilla tat-temp

xitwi u għaliex il-vjaġġ kien ta' periklu kbir, kemm għalihom kif ukoll għat-tagħbija tal-qamħ li kien qed iġorr fuqu l-ġifen lejn Ruma: "Irġiel, qiegħed nara li s-safra se tkun ta' ħsara u telf kbir, mhux biss għat-tagħbija u l-ġifen, imma għal ħajjitna wkoll." (Atti 27:10).

Iżda Pawlu hawnhekk ma ngħatax widen għaliex iċ-ċenturjun, il-kaptan u sid il-ġifen ħadu r-riskju li jsalpaw lejn il-port iktar kenni ta' Feniks (illum *Phineka*) fi Kreta stess (Atti 27:12). Irridu niftakru hawnhekk, li l-qamħ mill-Eġittu kien ta' utilità kbira għal belt bħal Ruma li kienet nieqsa ħafna minn dan l-element mill-iktar essenzjali għall-ikel. Żgur mela li l-konsenja tat-tagħbija tal-qamħ kellha fattur importanti hawnhekk. Tant hu minnu dan, li dawk il-baħħara li kienu jbaħħru fix-xitwa bil-qamħ kienu jitħallsu tajjeb ħafna mill-imperatur ta' Ruma.

Hekk kif salpaw, beda jonfoħ ir-riħ xlokk li beda jmexxihom ġol-majjistral kif xtaqu, u għalhekk baqgħu qrib il-kenn ta' Kreta. Pero` qam riħ qawwi ta' forza tremenda (bil-Grieg: *tuphonikos*) mill-grigal (bil-malti: riħ mill-Greċja; bil-Grieg, fil-manuskritti l-iktar awtentiċi: *eurakulon*; bil-Latin: *euraquilo*) u kellhom iħallu l-ġifen imur mar-riħ li beda jbegħedhom dejjem iżjed minn Kreta: "Imma f'daqqa waħda qam riefnu qawwi, igħidulu grigal, u beda jonfoħ min-naħa tal-gżira." (Atti 27:14) Wieħed jista' jimmaġina ukoll f'din it-tempesta l-kurrenti qliel tal-baħar bejn Sqallija u l-Afrika ta' Fuq.

L-identifikazzjoni ta' dan ir-riħ hija importanti ħafna u għalhekk kien impossibbli għall-ġifen li jmur fil-port kenni ta' Feniks, għax ir-riħ kien qed jimbotta l-ġifen fid-direzzjoni opposta, jiġifieri 'l isfel u 'l bogħod minn Kreta u mhux lejha; infatti għaddew taħt ir-riħ tal-gżejra ta' Kawda, illum jisimha Gaudos. Dan ir-riħ mela, kien qiegħed jimbotta l-ġifen lejn it-Tuniżija jew il-Libja u għalhekk ukoll lejn il-gżejjer Maltin u żgur mhux lejn il-Greċja jew lejn id-Dalmazja jew lejn l-Italja. Fil-fatt kellhom biża' kbir li jaħbtu fuq is-Sirti (bil-Grieg: *surtis*), dik il-medda ta' bajja ramlija fil-golf ta' Sidra, li titfgħek fuq id-deżert niexef, ta' sħana



tremenda u ta' mewt żgura fuq il-kosta ramlija tal-Libja, fejn il-kundizzjonijiet għall-għajxien huma impossibbli. Biża' li tant jiżdied meta f'xi żoni ta' din il-kosta, minħabba li r-ramel ikun tant maħlul minħabba l-ilma tal-baħar, li l-bniedem meta jsib ruħu fih ma jkunx jista' jimxi għax jibda jegħreq fih. Għalhekk dawn kienu xtut li kienu jnisslu biża' kbir fost il-baħħara kollha.

## In-Nawfraġju f'Malta

L-għada ta' din it-tempesta li qamet, bdew jarmu t-tagħbija fil-baħar u dan ifisser li l-ġifen kien qed jimtela bl-ilma tal-ħalel tal-baħar. Fit-tielet jum bdew jarmu wkoll parti mit-tagħmir tal-ġifen bħall-ħbula u mqadef biex dejjem inaqqsu mill-piż tal-bastiment. Għal diversi ġranet ma dehritx ix-xemx u lanqas il-kwiekeb bil-lejl, u għalhekk kienu mingħajr ebda direzzjoni kemm għal matul il-jum kif ukoll għal matul il-lejl. Wara li għal diversi ġranet ma kielu xejn, Pawlu jqum u jgħidilhom li kien aħjar li kieku semgħu minnu u baqgħu fi Kreta. Huma kienu raw tassew il-mewt diversi drabi f'din it-tempesta li kienet dejjem tiħrax: "u ma kien baqgħalna l-ebda tama li neħilsu" (Atti 27:20). Iżda Pawlu iqawwilhom qalbhom u jgħidilhom li kienu se jsalvaw kollha, waqt li l-ġifen biss kellu jintilef, għax kellu dehra mill-anġlu tal-Mulej li kien 'jeħtieġ' (bil-Grieg: *dei*) jaħbtu ma' gżira (ara Atti 27:26). Meta wasal l-erbatax il-lejl minn meta kienu mitlufin fil-baħar tal-Adrija, kif isejjaħlu ukoll il-kittieb antik Tolomew, (il-baħar ta' bejn il-Greċja, Sqallija u l-Afrika, illum il-baħar Jonju u l-Mediterran ċentrali, u mhux l-Adrijatiku tal-lum bejn l-Italja u l-ex-Jugoslavja li kien jissejjaħ Sinus Adriaticum). Għal nofs il-lejl il-baħħara kellhom l-impressjoni li kienu qrib l-art. Tefgħu l-ankri u sabu għoxrin qama (37 metru) u ftit wara ħmistax il-qama (27 metru). Il-qies u l-fond tal-qama tal-baħar hija metru u 85cm. Dawn l-indikazzjonijiet kienu qegħdin juru li kienu resqin lejn xi blat jew lejn l-art. Billi kien bil-lejl tefgħu erba' ankri mill-poppa sabiex jistennew biex jaraw fejn kienu qegħdin x'ħin jisbaħ.

Issa meta naraw li d-distanza minn fejn telqu minn Kreta għal Malta hija ta' 960 km, wieħed jista' jikkalkula li f'dik il-konfużjoni ta' riħ u maltemp u l-ġifen mitluq għar-riħu, kienu mexjin madwar 3 km fis-siegħa u għalhekk iż-żmien ta' erbatax-il ġurnata jqarreb lejn id-destinazzjoni ta' Malta. Ġeneralment f'kundizzjonijiet favorevoli ġifen kien jagħmel 1000 mil f'disa' ġranet. Waqt li kienu qegħdin jistennew li jisbaħ Pawlu kompla jagħmlilhom il-qalb u ħajjarhom biex jieklu xi ħaġa. Għalhekk: "qabad il-ħobż, radd il-ħajr lil Alla (bil-Grieg: *eucharistesen*, l-istess kelma għall-Ewkaristija) quddiem kulħadd, qasam u beda jiekol" (Atti 27:35).

Iżda x'ħin sebaħ lemħu bajja li kellha xatt fiha, imma sakemm waslu, inkaljaw fuq sikka bejn żewġ ibħra (bil-Grieg: *topos*

*dithalassos*) billi kienet qed tifred il-baħar (ara Atti 27:41). Billi l-ġifen beda jitkisser l-għassiesa tal-ħabsin riedu joqltu lill-priġunieri kollha. Iżda ċ-ċenturjun ma riedx dan għax ried isalva lil Pawlu. Allavolja suldat jew għassies, jekk jaħrablu priġunier kien jeħel huwa nnifsu l-piena li kien ħaqqu l-priġunier tiegħu. Għalhekk huwa ta l-ordni biex il-priġunieri jinħelsu u jitħallew jersqu l-art bil-għawm jew jaqbdu ma' xi biċċa għuda tal-ġifen: "U hekk kulħadd wasal l-art qawwi u sħiħ" (Atti 27:44). X'ħin telgħu l-art sabu li l-gżira kien jisimha Malta (li tfisser 'post ta' kenn', bil-Grieg '*Melite*') u li n-nies kienu barbari (bil-Grieg: *barbaroi*), jiġifieri la kienu jitkellmu bil-Grieg u lanqas bil-Latin imma b'xi lingwa barranija, lingwa semitika u punika li tqarreb lejn l-aramajk li bih kien jitkellem żgur Pawlu (ara Atti 28:2). In-Nawfraġju seħħ ħdejn il-gżejjer ta' San Pawl, proprju fil-grigal ta' Malta.

## Pawlu f'Malta

San Luqa jirrakkonta b'mod partikulari kif il-Maltin laqgħu lil dawn in-nawfragi u li urew ospitalità liema bħalha. "In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha", dan hu ċ-ċertifikat mill-isbaħ li jikteb San Luqa dwar il-Maltin. Imbagħad naraw il-miraklu li seħħ fuq San Pawl fejn il-velenu tal-lifgħa ma jagħmillu ebda deni u li kien hawnhekk li l-Maltin bdew jgħidu li kien alla. Minn 'rimi, abort' Pawlu hawn Malta jsir 'alla' (ara Atti 28:6). Mill-alla mara Griega 'Dike' (Ġustizzja) il-poplu beda jemmen f'Alla l-veru. Wara li Publiju (*Poplios* bil-Grieg), il-kap tal-gżira, laqagħhom għandu kollha għal tlett ijiem fir-residenza tiegħu, San Pawl dam tliet xhur hawn f'Malta f'ħidma ta' predikazzjoni u ta' fejqan fosthom, il-fejqan ta' missier Publiju (ara Atti 28:8-9). Dan Publiju kien il-Prokuratur tal-gżira (bil-Grieg: *Protos Melitaion* jew bil-Latin: *Melitensium Primus Omnium*, jew *il-Prim Ċittadin*), għaliex Malta kienet Provinċja Imperjali u mhux waħda Senatorjali bħalma kienet Sqallija, kif kienu jixhdu l-muniti u l-iskrizzjonijiet bil-Grieg u bil-Latin ta' dak iż-żmien. Publiju huwa msemmi fil-Martiroloġju Ruman li jgħid li kkonverta għall-kristjaneżmu permezz ta' San Pawl u li Pawlu, qabel ma telaq mill-gżira, ikkonsagrah isqof. Kellu dak in-nhar madwar 27 sena u dam bħala ragħaj ta' Malta għal 30 sena. It-tradizzjoni turi li dan Publiju laħaq it-tieni Isqof ta' Ateni wara l-isqof Dijonisju fis-sena 90 u miet martri fis-sena 112 A.D. fl-arena tal-iljuni taħt il-ħakma tal-Imperatur Adrijanu, (il-festa liturġika tiegħu taħbat fit-22 ta' Jannar).

Wara li Malta salvat lil Pawlu, issa l-Appostlu tal-Ġnus ried isalvaha billi jagħtiha l-aħbar tas-salvazzjoni tal-Evanġelju ta' Kristu Rxoxt. Wara li għadda ż-żmien tax-xitwa u t-temp sar favorevoli għall-vjaġġ, huma telgħu fuq ġifen tal-qamħ minn Lixandra bix-xbiha ta' Dijoskuri, (li jfisser 'tfal ta' Zeus u Leda',

fil-fatt it-tewmin Kastru e Polluci li kienu l-allat protetturi tal-baħħara u marbutin mal-kostellazzjoni Gemini), mgħobbi b'dak kollu li kienu jeħtieġu mill-Maltin u telqu lejn Sqallija, lejn Sirakuża fejn dam tlett ijiem u mbagħad kompla l-vjaġġ lejn Ruma (ara Atti 28:11-13).

## Kontroversja bla bażi

Matul is-snin inqalgħu xi ideat strambi u żbaljati, li n-nawfraġju ta' San Pawl f'dan il-vjaġġ lejn Ruma ma seħħx f'Malta imma fuq xi gżira oħra, jew fuq il-gżira fil-baħar Adrijatiku bl-isem ta' *Mljet* jew *Meleda* (Maleozeate) fid-Dalmazja, eżattament fil-Kroazja tal-lum qrib Dubrovnik, bi dritt Pescara fin-naħa l-oħra tal-Italja, jew inkella fil-gżira ta' Ċefalonja fil-Greċja. Mytilene ta' Lesbos qrib Troas u Militos (*Miletus*), it-tnejn fil-punent tat-Turkija, Melitene fl-Armenja u Mileto f'Kalabrija, għalkemm ssemmew xi darba, qatt ma kienu fil-qalba tal-kontroversja. F'din il-kontroversja ssemmew ukoll postijiet bħal Milicena, Mitilina, Manta, Gaulometin u Mauta.

Bħalma qegħdin naraw, dawk li ma jaqblux man-nawfraġju f'Malta lanqas ma jaqblu bejniethom, għaliex xi wħud isostnu li n-nawfraġju seħħ fi Mljet fid-Dalmazja u xi wħud, fosthom xi Griegi Ortodossi, f'Ċefalonja. Din



il-kontroversja bla bażi kellha l-bidu tagħha fis-seklu 10 W.K., mill-Imperatur Biżantin Kostantinu VII *Prophyrogenitus* ta' Kostantinopli fix-xogħol tiegħu '*De Administrando Imperio*'. Hemm min jgħid però li dan l-Imperatur Biżantin u għalhekk nisrani ħareġ b'din l-idea għaliex meta kien qed jikteb Malta kienet taħt l-Għarab jiġifieri taħt il-Misilmin u għalhekk ma riedx jorbot in-nawfraġju ta' San Pawl mal-Misilmin. Din l-idea kienet ukoll sostnuta mill-Isqof ta' Dulcigno fl-ex-Jugoslavja Martino Segono u mill-Benedittin Don Ignazio Giorgi minn Ragusa, Abbati tal-Monasteru Benedettin f'Veliko Jezero f'Meleda fl-1730 li kiteb li San Pawl sofra l-għarqa fil-baħar msejjaħ id-daħla Venezjana; lil Thomas Watkins fl-1792; lil John Madox fl-1834, J.M. Neale fl-1860 u D.V. Paluncо fl-1910. Anke O.F.A. Meinardus fl-1834, mexa fuq l-Imperatur Biżantin Kostantinu. Riċentement tfaċċaw il-Ġermaniżi H. Warnecke tal-Università ta' Bremen fl-1987 fl-istudji Stuttgarter Bibelstudien u T. Schirrmacher fl-1992 bit-teorija li n-nawfraġju sar

f'Ċefalonja (jew Kefallinia) fil-Greċja li tinsab bi dritt il-Kalabrija u għalhekk 'il fuq minn Sqallija. Din Ċefalonja hija ferm iktar muntanjuża minn Malta u għalhekk setgħet tingħaraf mal-ewwel mill-baħħara tal-ġifen ta' Pawlu: *"X'ħin sebaħ, l-art ma għarfuhiex." (Atti 27:39).*

Lil dawn ngħidulhom ukoll, li San Luqa jgħid li n-nies ta' Malta kienu '*barbaroi*'. Żgur li f'dawn il-gżejjer qrib il-Greċja, bħal Ċefalonja u Mljet, in-nies tagħhom kienu jitkellmu bil-Grieg u ta' nisel Grieg. Mela ma setgħux kienu '*barbaroi*' bħalma kiteb San Luqa. Għandna wkoll l-indikazzjoni tar-riħ, il-Grigal fit-tempesta u għalhekk il-ġifen ma seta' qatt jinkalja fuq dawn il-gżejjer, għax ir-riħ kien ta' direzzjoni opposta. Tant hu minnu dan, li l-baħrin beżgħu li jaħbtu fuq is-Sirti fuq il-kosta tal-Afrika ta' Fuq (illum il-Libja) u mhux mal-kosta tal-Greċja jew tad-Dalmazja. U kieku n-nawfraġju seħħ f'dawk il-gżejjer, kellu għalfejn il-ġifen ta' Lixandra, tliet xhur wara, jinżel 'l isfel lejn Sqallija, lejn Sirakuża u mbagħad jerġa' jitlaq 'il fuq lejn Ruma? U nistgħu nkomplu nsibu iktar argumenti li jwaqqgħu għal kollox dawn l-ideat u teoriji żbaljati marbuta man-nawfraġju f'Malta. San Ġwann Griżostmu fir-raba' seklu jitkellem ċar dwar il-Maltin fl-Omelija 54 dwar l-Atti. Saħansitra l-ktieb apokrafu tal-Atti ta' Pietru u Pawlu tas-sitt seklu jitkellem b'mod ċar minn Malta. Aktarx li Malta hija parti li baqgħet fil-wiċċ flimkien ma' Sardinja, Pantellerija (bil-Malti: Qawsra, qabel: Cossyra) u l-gżejjer Pelaġji (Lampedusa, Linosa u Lampione) mill-gżira Atlantika fil-Mediterran li jsemmi Platun u li din għerqet wara kastastrofi kbira. Fil-qedem kien hemm gżejjer oħra qrib Malta bħal Aetusa, Cercinna, Glauconis u Graham's Island jew Ferdinandea li hija vulkan 8 metri taħt il-baħar u kienet telgħet 64 metru 'il fuq u reġgħet niżlet fl-1831.

Kienu bosta dawk il-kittieba Maltin u barranin li ċaħdu dawn it-teoriji żbaljata. Infatti dawn it-teoriji żbaljati kienu miċħuda bil-qawwa kollha mill-Konti Antonio Ciantar f'żewġ opri tiegħu fl-1738 u fl-1763, kif ukoll minn F. Agius de Soldanis fl-1758, J. Smith fl-1856, riċentament J. Wehnert, Professur tal-Iskrittura fl-Università ta' Tubinga, Gilchrist li fl-1996 kiteb: "*The shipwreck narrative is not a literary invention: the shipwreck is a matter of fact.*" u diversi biblisti u storiċi oħra, kemm Maltin kif ukoll barranin, fosthom Mons. L. Sciberras fl-aħħar ktieb tiegħu.

Dan huwa proprju l-iskop tiegħi f'dan l-istudju, ħalli nneħħu kull dubju u nwarrbu għal kollox dawn l-ideat żbaljati dwar in-nawfraġju ta' San Pawl fuq gżiritna fil-vjaġġ lejn Ruma. Dan se nkompli nagħmlu billi nħarsu lejn l-Iskrittura Mqaddsa, it-Tradizzjoni f'Malta, u lejn il-Maġisteru u t-Tagħlim tal-Knisja, tliet għejun fundamentali għall-verità sħiħa. Lil dawk li qalgħu dawn il-kontoversji ngħidulhom ukoll, li m'aħniex qegħdin niċħdu l-presenża ta' Pawlu jew it-tradizzjoni ta' Pawlu f'dawn il-gżejjer tagħhom, għaliex żgur San Pawl seta' żar dawn l-inħawi, speċjalment fil-vjaġġi missjunarji li għamel qabel is-sena 58 W.K. San Pawl seta' ukoll forsi xi darba waqt dan is-safar sab xi periklu ta' baħar kif jurina biċ-ċar huwa stess f'2 Kor 11:25-26 fejn jgħid li tliet darbiet huwa ra l-għarqa (din is-silta nkitbet qabel huwa ġie Malta): "... *Tliet darbiet rajt il-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs il-baħar. Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar...*" Il-verità però hija waħda, li San Pawl fil-vjaġġ tiegħu bħala priġunier lejn Ruma sab il-kenn tiegħu fuq il-gżira tagħna ta' Malta għal tliet xhur u ta' dan għandna provi ċarissimi kif se naraw issa.

## Il-Verità tal-Kelma ta' Alla

Inutli wieħed joqgħod jargumenta jew joħlom b'xi

idea, mingħajr ma jħares lejn l-għajn tal-verità fl-Iskrittura Mqaddsa. U għalhekk irridu mmorru għall-manuskritti l-iktar qodma li l-iktar li jersqu qrib lejn it-test oriġinali Grieg ta' San Luqa għall-Atti tal-Appostli. F'dan l-istudju, li l-biblisti jsejħulu studju ta' kritika testwali, insibu li l-kelma griega '*Melite*' fil-kodiċijiet unċjali l-iktar qodma, li huma l-Kodiċi *Vaticanus* tas-sena 300 W.K. (sigla B jew O3) li huwa l-eqdem fost il-kodiċijiet unċjali kollha, *Sinaiticus* tar-4 seklu W.K. (sigla S jew O1), *Alexandrinus* tas-seklu 5 (A jew O2), u *Ephraemi* tal-5 seklu. It-traduzzjoni Latina ta' San Ġirolmu, il-Vulgata ġġib ukoll l-istess isem għal Malta '*Melita*'. L-isem fil-Grieg ifisser jew 'l-art tal-għasel' jew 'qaliet' u bil-Feniċju tfisser 'kenn'. F'dawn il-manuskritti mill-iktar awtentiċi ma nsibux ismijiet oħra li jirreferru għal xi gżira oħra differenti minn Malta. Mela l-Kelma ta' Alla tgħid ċar u tond li n-nawfraġju seħħ fil-gżira ta' Malta u mhux fil-gżira ta' Ċefalonja jew dik ta' Mljet.

## Il-Verità tat-Tradizzjoni

Irridu ukoll naraw il-valur awtentiku tat-tradizzjoni qawwija ta' San Pawl f'Malta marbuta man-nawfraġju u mas-soġġorn tiegħu hawn Malta. Għandna l-ewwel nett il-gżejjer jew aħjar il-gżira ta' San Pawl, qrib San Pawl il-Baħar, bħala l-post li huwa marbut fejn seħħ tradizzjonalment in-nawfraġju. Għandna l-knisja żgħira fil-bajja ta' San Pawl magħrufa bħala 'Tal-Ħġejjeġ' li tfakkar il-post fejn il-Maltin laqgħu lil San Pawl u qabbdu ħġejjeġ minħabba l-bard. Insemmu wkoll il-grotta ta' San Pawl fejn huwa għex matul iż-żmien tiegħu hawn Malta. Hemm ukoll il-katakombi ta' San Pawl. Dawn huma msemmija bħala l-għotja tal-Isqof Ylario lil Bochius de Bochio fl-1366. Marbuta mal-grotta kien hemm it-tradizzjoni tat-trab mediċinali (*terra di San Paolo*, imsejjaħ bil-Malti bħala 'il-grazzja ta' San Pawl) imsemmi fil-kitba '*Mundus Subterraneus*' tal-ġiżwita Athanasius Kircher fl-1637. Kien hemm ukoll trab mill-fossoli tas-snien tal-kelb il-baħar (*Carcharodon Megalodon*) magħruf bħala *Glossopetrae* jew *Lingue di San Paolo* jew *virtù della Pietra di San Paolo* li kien magħruf għall-effetti mediċinali tiegħu. Il-fossili





tas-snien kellhom forma ta' ilsien u għalhekk ġew imlaqqmin '*lingue*' ta' San Pawl. Insibu wkoll il-pjanta mediċinali msejħa l-ilsna ta' San Pawl. Insemmu wkoll Għajn Rażul, jiġifieri l-għajn tal-Appostlu fejn San Pawl kien ħareġ l-ilma minn ġol-blat biex jgħammed. Għandna l-post ta' San Pawl Milqi, fejn San Publiju flimkien man-nies laqa' lil San Pawl, fin-naħat ta' Burmarrad (isem li għandu rabta mal-mard) fejn għandna l-knisja magħrufa ta' San Pawl Milqi mibnija fl-1629 mill-Granmastru de Wignacourt, fuq fdalijiet fejn Publiju kellu l-Villa Rumana u fejn qagħdu Pawlu u sħabu għal tlett ijiem. Insibu wkoll il-knisja antika ta' 'San Pawl ta' Barra' fejn kien jipprietka San Pawl, u nsemmu tant postijiet oħra flimkien ma' diversi parroċċi u knejjes f'Malta u Għawdex marbuta ma' San Pawl.

Ma nistgħux ma nsemmux il-Katidral tal-Imdina li kien ġa ddedikat lil San Pawl fis-sena 1299 (ara arkivji tas-Saltna ta' Aragona f'Barcelona). Anke t-tradizzjoni rrakkontata minn Konrad ta' Quernfurth dwar il-*Uomini di San Paolo* tat-tnax-il seklu fejn dawn kienu meqjusin bħala vagabondi minn Malta taparsi jfejqu mill-ġdiem velenuż tas-sriep. Huma twaqqfu milli jkomplu jagħmlu dan fl-1485. Hemm ukoll it-tradizzjoni tat-trab imbierek minn San Pawl *terra siġillata melitensis* u mħallat bl-inbid bħala mediċina kontra l-velenu *controveleno*, hija msemmija mill-kjeriku Ġermaniż Ludolph ta' Suchen u minn Jean Quintinus d'Autun fl-1536 u t-tabib Żvizzeru Ġermaniż Paracelsus fl-1541. Mappa antika tal-Franċiż Johannes Quintinus Haedius stampata f'Lyon fl-1536 turi l-post ta' San Pawl il-Baħar bħala l-post tan-Nawfraġju. Insemmu wkoll l-arti, il-letteratura u l-mużika sagra li għandna fil-gżejjer b'rabta mal-qaddis. Mappa antika ta' Malta ta' S. Munster ippubblikata f'Basle fl-Iżvizzera fl-1598

issemmi b'mod ċar il-gżejjer ta' San Pawl. Agius de Soldanis jitkellem dwar it-tradizzjoni ta' San Pawl fil-gżira ta' Għawdex kemm fix-Xewkija fejn insteġħmet il-predikazzjoni tal-appostlu u kemm f'Marsalforn fejn jingħad li ġie wkoll jipprietka San Pawl. Din hija tradizzjoni qawwija u antikissima, li bdiet proprju man-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, kważi elfejn sena ilu.

## Il-Verità tat-Tagħlim tal-Knisja

Il-Missirijiet tal-Knisja, flimkien ma' ħafna studjużi tal-Iskrittura Mqaddsa matul is-sekli kollha fil-kummenti bibliċi tagħhom, dejjem tkellmu dwar Malta tagħna (*Melite Africana* jew *Sicula Melita*) f'dawn il-passi tal-Atti tal-Appostli. San Ġwann Krisostmu (359-407) fil-kummentarju tiegħu dwar din il-ġrajja tan-nawfraġju, fl-omelija numru 53, jgħid li l-Maltin aċċettaw l-Evanġelu ta' Kristu mxandar lilhom minn San Pawl. It-teologu Gallikan Paulus Orossius fir-raba' seklu fix-xogħol tiegħu *Descriptio Terrarum* jikteb ukoll dwar Malta. F'ittra datata d-19 ta' Marzu 416, ta' Decentius Isqof ta' Gubbio lill-Papa Innoċenzu I jitkellem dwar il-knisja fil-gżejjer ta' bejn Sqallija u l-Afrika. Fis-sena 544 W.K. meta l-Papa Vigilius qabbad lis-sud djaknu ta' Ruma, il-poeta Ligurjan Arator biex jikteb dwar l-Atti tal-Appostli dan il-poeta rrefera għal Malta fiċ-ċentru tal-Mediterran (ara *De Actibus Apostolorum*). Fl-erbatax-il seklu l-kjeriku Ġermaniż Ludolph ta' Suchen jitkellem mill-gżira ta' Malta. Il-papiet dejjem irrikonoxxew ukoll lil Malta bħala l-post tan-nawfraġju ta' San Pawl fil-vjaġġ tiegħu lejn Ruma fosthom il-Papa Benedittu XIV fit-18-il seklu. Meta l-Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena 2001 għamel vjaġġ fuq il-passi ta' San Pawl, waħda mit-tappi ta' dan il-vjaġġ memorabbli kienet proprju Malta u bbeatifika lil Dun Ġorġ Preca, Adeodata Pisani u Nazju Falzon. Anke dan l-aħħar meta fl-Udjenza Ġenerali tas-27 ta' Awwissu 2008, il-Papa Benedittu XVI ta bijografija dwar San Pawl, fid-diskors tiegħu semma lil Malta tagħna.

## Teoloġija Biblika

Jixraq li nagħlaq dan l-istudju tiegħi dwar in-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta b'xi riflessjonijiet ta' teoloġija biblika. L-ewwel nett, ir-radd il-ħajr fuq il-ħobż li jagħmel San Pawl fuq ix-xtut ta' Malta f'Atti 27:20 kien mument ta' kuraġġ, tama kbira u ta' salvazzjoni. Il-ġesti li jwettaq San Pawl f'din l-ikla tat-tama fl-erbatax-il jum, għandhom xebh kbir mal-ġesti ta' Kristu fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż f'Luqa 9:16, fl-Aħħar Ċena f'Lq 22:19 u fl-episodju tad-dixxipli ta' Emmaws f'24:30, fejn Luqa juża f'dawn is-siltiet l-istess terminoloġija Griega għal dawn il-ġesti Ewkaristiċi. Il-mument ta' radd il-ħajr li għamel San Pawl fuq il-ġifen kien mument ta' karattru qawwi Ewkaristiku, għaliex l-Ewkaristija hija verament l-ikel tat-tama għas-salvazzjoni tagħna.

Il-mitejn u sitta u sebgħin persuna fuq il-ġifen, li kienu l-parti l-kbira priġunieri, flimkien mal-baħħara u s-suldati u l-għassiesa, jirrappreżentaw li s-salvazzjoni hija miftuħa għal kulħadd. L-insara u l-pagani huma fl-istess ġifen, fejn narawhom jaslu l-art qawwijin u sħaħ, uħud permezz ta' biċċa għuda mill-ġifen. U din hija l-missjoni proprja tal-'ġifen' tal-Knisja ta' Kristu fil-'baħar' tal-ħidma fil-familja tagħha, fil-ħidma ekumenika u fost reliġjonijiet oħra, li tħabbar is-salvazzjoni (bil-Grieg: *soteria*) lil kulħadd u tħalli lil kulħadd 'jaqbad u jiggranfa mal-għuda tal-ġifen tagħha'. Għaliex Alla jrid lil kulħadd isalva: "li jrid li l-bnedmin kollha li jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità. Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala mezz tal-fidwa għal kulħadd; u x-xhieda ta' dan ingħatat f'waqtha" (1 Tim 2:4-6). Fil-fatt l-istorja li jikteb San Luqa hija l-istorja tas-salvazzjoni bl-użu tal-verb Grieg *sozein*.

Il-lifgħa bil-velenu tagħha meqruda fin-nar turi r-rebħa tal-verità ta' Alla fuq il-ħażen u l-konverżjoni mid-dnub għal ħajja tassew: "Fejn hi, ja mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja mewt in-niggieża tiegħek? In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, u l-qawwa tad-dnub hi l-liġi. Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu." (1 Kor 15:55-57). Nimmaġina li San Pawl meta ħass it-tingiża tal-lifgħa, ġab quddiem għajnejh dan il-kliem li huwa kien kiteb lill-Korintin sabiex jurihom ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt.

Nagħlaq b'silta mill-poeżija tal-poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila: "Malta u Pawlu min jifridhom? Ħadd, jixhduh iż-żmenijiet, l-ebda qawwa ma taf tħollu, Dak li ntrabat fis-smewwiet." Jalla ma nħallu xejn jifridna mill-Evanġelju ta' Kristu li ġabilna Pawlu. Ħalli dik il-gżira ta' Malta msemmija fl-Atti tal-Appostli, li fis-sena 60 W.K. salvat li Pawlu u lil sħabu, tkompli tgħożż il-fidi Kattolika u t-tagħlim li ġabilha San Pawl, ħalli ssalva ruħha tassew minn kull periklu u minn kull hemm.

## Bibljografija


Acworth, A., "Where was St. Paul shipwrecked?", *JTS* 24 (1973) 190.

Bovon, F., "Canonical and apocryphal Acts of Apostles", in *Journal of Early Christian Studies*, 11 (2003) 165-194.

Bruce, F.F., *The Book of the Acts*, Grand Rapids (MI) 1981.

Buhagiar, M., "St. Paul's shipwreck and early christianity in Malta", in *The Catholic Historical Review* 93 (2007) 1-16.

Burridge, W., *Seeking the Site of St. Paul's Shipwreck*, Valletta 1952.

Clabeaux, J., "The story of the maltese viper and Luke's apology for Paul", in *CBQ* 67 (2005) 604-610.

Colacrai, A., "Malta 'conquistata' da Paolo", in *Paulus. International magazine on Saint Paul*, 1/2 (August 2008) 38-39.

Cornuke, R., *The Lost Shipwreck of Paul*, Bend (OR) 2003.

De Lorenzi, L., "Chilometro dopo chilometro...", in *Paulus. International magazine on Saint Paul*, 1/2 (August 2008) 33.

Fitzgerald, M., "The Ship of Saint Paul. Comparative Archaeology", *Biblical Archaeologist* 53/1 (1990) 31-39.

Freller, T., "The Pauline cult in Malta and the movement of the Counter-reformation: the Development of its international reputation", in *The Catholic Historical Review*, 85, 1.

Gambin, T., *The maritime landscapes of Malta from the Roman period to the Middle ages*, Bristol 2005.

Gasque, W.W., "Malta" in *Anchor Bible Dictionary*, IV, New York 1992.

Gilchrist, J.M., "The Historicity of Paul's Shipwreck", *JSNT* 61 (1996) 29-51.

Hadjifoti, L.I., *Saint Paul. His Life and Work*, Athens 2004.

Hemer, C.J., "Euraquilo and Melita", in *JTS.NS* 26 (1975) 100-111.

Hirschfeld, N., "The ship of St. Paul. Historical background", in *Biblical Archaeologist* 53/1 (1990) 25-30.

Reynier, C., Tempêtes: Quatre récits bibliques: L'homme, la nature,la mort, Lire la Bible 167, Paris 2011.

Ricca, P., "Cristiani e pagani sulla stessa barca", in *Paulus. International magazine on Saint Paul*, 1/2 (August 2008) 34.

Robbins, V.K., "By land and by sea: the we-passages and ancient sea voyages", in *Perspectives on Luke-Acts*, Danville (VA) 1978.

Saydon, P.P., "The Site of St. Paul's shipwreck", *Melita Theologica* XIV, 58-61.

Sciberras, L., *Pawlu, Appostlu tal-Ġnus u Missier il-Maltin*, Lumen Christi Publications, Għawdex 2008.

Wansbrough, H., "Did Paul ever go to Rome?", in *Scripture Bulletin* 41 (2011).

Warnecke, H. – Schirrmacher, T., *War Paulus wirklick auf Malta?*, Stuttgart 1992.

Vella, A.P., *Storja ta' Malta*, I, Valletta 1974.

Vella, H.C.R., "Quintinus (1536) and St Pauls' Shipwreck in Malta", in *Melita Historica* 8 (1980) 61-64.



# IS-SAGRIFIĊĊJU TA' KRISTU (1)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

Fil-kapitli 8 u 9 tal-ittra lil-Lhud, l-awtur jippreżenta t-taqsima ċentrali tas-sagrifiċċju ta' Kristu. Fil-ligwaġġ ta' żminijietna, l-kelma sagrifiċċju ħadet xejra negattiva, tfisser nuqqas, ċaħda, xi forma ta' tbatija. Mentri s-sens reliġjuż huwa wieħed pożittiv ħafna. Santu Wistin



jiddeskrivi hekk is-sagrifiċċju: "Għalhekk is-sagrifiċċju tassew hu kull għemil li bih infittxu ningħaqdu f'rabta qaddisa ma' Alla, jiġifieri għemil li jsir għal dak il-ġid finali li bih nistgħu nkunu henjin tassew".

## Sagrifiċċju ta' vittma

Is-sagrifiċċju ta' Kristu jiġbor fih il-misteru kollu tal-Għid, mela t-tbatija ħarxa, mewt u qawmien glorjuż. Din hija l-prospettiva pożittiva li toffrilna l-ittra lil-Lhud. Li tissagrifika ma jfissirx tnaqqas, imma li tagħmel is-sagru, mela li tqaddes oġġett. Mela s-sagrifiċċju huwa att pożittiv ħafna u għammiel, dan jagħmel l-offerta aktar ta' siwi u ta' valur. Is-sagrifiċċju ta' Kristu jiġbor fih il-glorifikazzjoni. Mingħajr dan is-sagrifiċċju kien ikun nieqes. Kristu ma kienx iwaqqaf il-Patt il-Ġdid, jiġifieri Ġesù ma kienx jgħaqqad il-miżerja tagħna mal-qdusija ta' Alla. Meta jitkellem mis-sagrifiċċju San Pawl juża l-kelma teknika espjazzjoni jiġifieri tirrepara u tissewwa u tpatti: "Lilu (Ġesù) Alla kkostitwih vittma ta' espjazzjoni b'demmu" (Rum 3,25).

Kristu sar il-qassis il-kbir tal-patt il-ġdid, għaliex grazzi għall-passjoni u glorifikazzjoni għadda mill-art tagħna għas-Santwarju tas-sema, u hekk akkwista dik il-kapaċità li jidħol (a) f'komunjoni sħiħa mal-Missier, u (b) f'relazzjoni perfetta ma' ħutu l-bnedmin. Sabiex iwassalna

għal dan kollu rridu nifhmu l-valur divin tal-passjoni u l-qawmien ta' Kristu. L-awtur tal-ittra jfisser il-misteru tal-Għid f'lingwaġġ kultwali, u jgħaqqdu mas-saċerdozju tat-Testment il-Qadim. Hekk l-awtur juri kemm ix-xebh kif ukoll id-differenzi kbar ta' bejniethom.

Meta Ġeremija ħabbar patt ġdid (31, 31-34) huwa ma qalx kif dan se jseħħ. Mhux hekk għamel l-awtur tal-ittra lil-Lhud. L-awtur fehem waħda sew li l-patt kien hemm assolutament bżonn li jinbena fuq ġrajja ta' medjazzjoni li din tkun kapaċi li tneħħi minn nofs kull tfixkil u li toħloq komunjoni bejna u bejn Alla. Kull xkiel kellu jitwarrab grazzi għal din il-ġrajja straordinarja u divina. Sabiex jitwaqqaf dan il-patt il-ġdid kien hemm il-ħtieġa ta' medjazzjoni sagrifikali. Din il-ħtieġa kellha tkun kollha kemm hi differenti minn dawk tat-Testment il-Qadim għaliex dawk ma kellhom ebda effett fuq ir-ruħ.

## Rabta bejn kult u patt

Din il-medjazzjoni hija l-offerta sagrifikali ta' Kristu. Din il-verità tidher sew f'Lhud 8 u 9. Dawn iż-żewġ kapitli huma kkaratterizzati bir-rabta qawwija li l-awtur waqqaf bejn il-kult u l-patt. L-ewwel huwa jintroduċi s-suġġett tal-kult fil-bidu ta' kap tmienja. Hemm huwa jafferma li Kristu huwa l-ministru liturġiku tas-santwarju u li offra s-sagrifiċċju. Imbagħad huwa stess idaħħal it-tema tal-alleanza f'rabta mal-kult. Fil-v 6 l-awtur jgħid: "Issa l-ministeru li kiseb Kristu hu daqshekk aqwa minn dak tal-imgħoddi daqskemm hu aqwa l-patt li tiegħu huwa medjatur, għaliex hu patt mibni fuq wegħdiet aqwa" (Lhud 8,6). Hawn l-awtur qed jikkwota fil-qosor l-oraklu ta' Ġeremija li jbassar il-patt il-ġdid (8,8-12). Fil-bidu tal-kapitlu 9, l-awtur jirritorna fuq is-suġġett tal-kult u jgħid: "L-ewwel patt kellu wkoll il-liġijiet tal-kult u tas-santwarju". Fil-kap 9,15 jerġa' jieħu mill-ġdid is-suġġett tal-patt, fejn jgħid li bl-offerta tiegħu Kristu sar "medjatur ta' Patt Ġdid". F'dawn iż-żewġ kapitli hawn bidla sħiħa bejn il-kult u l-allenza. Dan l-irbit joħloq xi ħaġa ġdida f'relazzjoni mat-Testment il-Qadim. Difatti l-ktieb tal-Levitiku, meta jitkellem mill-kult u dak li hu meħtieġ għas-sagrifiċċji ma jsemmi xejn dwar il-patt. Ġeremija mbagħad jitkellem ħafna mill-patt u ma jsemmi xejn dwar il-kult.

Għall-awtur tal-ittra lil-Lhud, il-kult u l-patt huma magħqudin ma' xulxin. Hekk jidher li s-saċerdot huwa bniedem ta' medjazzjoni. L-offerta ssir biex titwaqqaf l-alleanza, iżda mhux possibbli li titwaqqaf alleanza mingħajr offerta.

## L-ewwel u t-tieni tinda

Il-patt tat-Testment il-Qadim ma kienx wieħed sod u żgur, dan għaliex kien mibni fuq kult inadegwat. Fil-kap 9 l-awtur jagħmel analiżi ta' dan il-kult biex juri li l-kult ma jilħaqx il-





għan speċifiku tiegħu. Jibda billi jgħid: "L-ewwel patt kellu wkoll il-liġijiet tal-kult u s-santwarju għalkemm dan kien santwarju tal-art". Is-santwarju tat-T.Q. kien wieħed tal-art, mibni mill-bnedmin. Santwarju tal-art ma kienx l-istrument adattat biex wieħed jikseb il-għaqda ma' Alla. Dan diġà jidher sew f'1 Slat 8,27. Dan huwa l-kliem ta' Salamun fl-okkażżjoni tal-bini tat-tempju ta' Ġerusalemm. Issa l-profeta Isaija jkompli: "Is-smewwiet it-tron tiegħi, l-art mirfes riġlejja! X'dar tistgħu tibnuli? Fejn hu l-post tal-mistrieħ tiegħi?" (Is 66,1).

Fil-versi li jiġu wara l-awtur ma jagħmilx riferenza għat-tempju ta' Ġerusalemm, imma għat-tinda, għaliex huwa ried iwaqqaf id-diskors kollu tiegħu fuq il-liġi ta' Mosè, fuq il-Pentatewku; dan ma jsemmix it-tempju, imma jitkellem biss mit-tinda tal-Eżodu. Għalhekk l-awtur jiddiskrivi t-tinda maqsuma f'żewġ partijiet: l-ewwel parti tissejjaħ "l-ewwel tinda", dik tat-tieni hija meqjusa bħala l-abitazzjoni ta' Alla; imma fir-realtà ma kenitx hekk.

L-ewwel tinda magħmula mill-bnedmin kienet tista' ddaħħlek biss fit-tieni tinda magħmula wkoll mill-bniedem: Fil-fatt din ukoll xejn ma kienet l-għamara ta' Alla. L-awtur għalhekk sempliċement ifakkar l-andament taċ-ċerimonja skont is-sistema li jużaw fit-tempju. Dan għaliex fl-ewwel tinda l-qassisin sempliċi kienu jidħlu kull ħin biex jagħmlu ċ-ċerimonja tal-kult. Fit-tieni tinda, mela fil-parti msejħa l-qaddis tal-qaddisin, kien jidħol BISS il-qassis il-kbir, darba biss fis-sena, fil-Yom Kippur. Kien idaħħal miegħu d-demm tal-annimal u jroxxu fuq l-arka tal-patt (Lhud 9,6-7) u wara fuq in-nies. Din kienet is-sistema antika. Sistema ta' separazzjoni suċċessiva biex wieħed joqrob bil-prudenza lejn il-qdusija ta' Alla.

Imma hekk il-veru kuntatt ma' Alla ma kienx jiġi stabilit. L-awtur jikteb: "B'dan l-Ispirtu s-Santu jrid ifisser illi t-triq li tieħu għas-santwarju għadha mhix miftuħa sakemm għad hemm wieqfa l-ewwel tinda" (Lhud 9,8). Normalment it-tradizzjoni tikteb hekk: "It-triq għadha mhix miftuħa", għaliex ġeneralment ngħidu li triq hija miftuħa jew magħluqa. Imma l-awtur tal-ittra qal: "murija", kelma li tfisser differenti; mela wieħed ma kienx għadu jaf li hemm triq, kienet moħbija!

L-ewwel tinda – għarix – jiġifieri dik tat-T.Q. ma kenitx it-triq tas-santwarju veru u anqas ma wieħed kien jaf liema hija din it-triq. Din kienet għadha ma ġietx murija, għadha moħbija, fid-dlam. Ma kienx hemm anqas il-mod li wieħed jimxi t-triq vera, għaliex dan? L-awtur ikompli jgħid, "id-doni u s-sagrifiċċji li wieħed joffri ma jistgħux jagħmlu perfetta l-kuxjenza ta' min ikun qiegħed joffri l-kult" (Lhud 9,9). B'dan il-kliem l-awtur jesprimi idea oriġinali dwar il-għan tas-sagrifiċċju. B'mod l-aktar spontanju s-sagrifiċċji kienu jiġu maħsuba bħala rigal offrut lil Alla biex wieħed jaqla' l-favuri minn għandu. U daqshekk. Mela hawn sempliċement relazzjoni bejn bnedmin.

Nieħdu eżempju ta' Noè: Dan hekk kif ħareġ mill-arka, bena artal u offra sagrifiċċju 'l Alla u t-test ikompli: "U l-Mulej xamm ir-riħa ħelwa u għoġbitu: U l-Mulej qal f'qalbu; 'Ma nerġax iżjed nisħet l-art minħabba l-bniedem" (Ġen 8,21). Mela d-dispożizzjoni ta' Alla ġiet mibdula grazzi għas-sagrifiċċju ta' Noè. L-awtur però jgħid li l-għan tas-sagrifiċċju huwa li jbiddel id-dispożizzjoni tal-bniedem minn ġewwa.

## Il-għan tad-debħiet

Naturalment is-sagrifiċċji tal-qedem ma kellhomx din il-kapaċità. Għax kif jista' jkun qatt li ġisem mejjet ta' annimal maħruq ibiddel il-kuxjenza ta' persuna umana? Ma hemm ebda rapport bejn dawn iż-żewġ realtajiet. L-istess jingħad għall-offerti l-oħra tat-T.Q. Sakemm wieħed ma jbiddilx il-qalb tal-bniedem, relazzjoni awtentika ma' Alla, qatt ma hija possibbli l-vera konversjoni tiegħu. Mela l-għan tas-sagrifiċċju qatt ma jintlaħaq.

L-awtur ikompli jisħaq li d-debħiet tat-T.Q. kienu jikkonsistu biss f'ikel u xorb. Ir-riti kollha esterni "riti tal-laħam", kif jgħid b'mod letterarju, kienu jippreskrivu indafa ritwali iva imma li internament ma kienu jibdlu xejn! U dan l-aktar fil-qalb tal-bniedem. Hawn l-awtur qed jagħmel kritika tassew qawwija dwar il-kult qadim u l-inkapaċità li joħloq medjazzjoni awtentika u vera. Fil-kult tal-qedem kien hemm ċertament ħaġa ta' min ifaħħarha: Din kienet ix-xewqa reliġjuża li tiġi murija b'għotja ġeneruża. Xewqa biss!

Dan huwa pożittiv ħafna. Però xewqa reliġjuża biss, din ma kenitx biżżejjed biex tbiddel il-kuxjenza ta' wieħed midneb! Sabiex wieħed jagħti l-bniedem midneb il-kuntatt veru u awtentiku ma' Alla, kien hemm bżonn ta' medjazzjoni effikaċi. Il-midneb kellu bżonn tassew li jiġi megħjun minn MEDJATUR, li huwa stess ma jkunx midneb u li kapaċi jiftaħ it-triq tal-għaqda ma' Alla. Preċiżament din hija l-problema tal-Alleanza.





# IR-REFERENZI BIBLIĊI FL-ENĊIKLIKA "LUMEN FIDEI" (2)

*Marcello Ghirlando ofm*

## Jekk ma Temmnux, ma Tifhmux

It-Tieni Kapitlu, "Jekk ma Temmnux, ma Tifhmux" (Is 7: 9) huwa maqsum f'sitt sezzjonijiet b'dawn it-titli: Fidi u verità (23-25), Għarfien tal-verità u mħabba (26-28), Il-fidi bħala smigħ u viżjoni (29-31), Id-djalogu bejn fidi u raġuni (32-34), Il-fidi u t-tiftix ta' Alla (35) u Fidi u teoloġija (36).

Il-Papa jdaħħalna f'dan it-tieni kapitlu tal-Enċiklika billi juri r-rabta sfiqa li hemm bejn il-fidi u l-verità, il-verità ta' min joqgħod fuqha ta' Alla, il-presenza fidila tiegħu matul l-istorja. Il-Papa jisħaq li "l-fidi mingħajr il-verità, ma ssalvax, ma tiżgurax il-passi tagħna. Tibqa' ħrafa sabiħa, il-projezzjoni ta' xewqatna għall-hena"(24). Ir-rabta tal-fidi mal-verità hija llum meħtieġa aktar minn qatt qabel, sewwasew minħabba l-kriżi tal-verità li ninsabu fiha". Fil-kultura ta' żmienna hemm it-tendenza li tintlaqa' biss bħala verità dik tat-teknoloġija, jiġifieri hu milqugħ bħala veru dak biss li l-bniedem iseħħlu jibni u jkejjel bix-xjenza tiegħu jonkella il-veritajiet tal-individwu li ma jiswewx għall-oħrajn u għall-ġid komuni. "Il-verità l-kbira, il-verità li tfisser il-ħajja personali u soċjali flimkien, iħarsu lejha b'suspett", għaliex tissieħeb b'mod żbaljat mal-forom tat-totalitariżmu tas-seklu għoxrin. Dan jista' joħloq, kif isejjaħlu l-Papa, "l-amnesija l-kbira tad-dinja ta' żmienna" li trawwem ir-relativiżmu u, fil-biża' tal fanatiżmu tnessi il-kwistjoni tal-verità, il-mistoqsija fuq il-bidu ta' kollox, li fid-dawl tagħha biss nistgħu "naraw il-quċċata u s-sens tat-triq li nimxu flimkien"(25).

L-Enċiklika tgħaddi mbagħad biex turi r-rabta bejn il-fidi u l-imħabba. Mhijiex l-imħabba ridotta għal sentiment li jiġi u jmur, iżda l-imħabba kbira ta' Alla li tibdilna minn ġewwa u tagħtina għajnejn ġodda biex naraw ir-realtà. Jekk il-fidi hija marbuta mal-verità u l-imħabba, mela "l-imħabba u l-verità ma jistgħux jinfirdu" (27), għaliex hija biss l-imħabba vera li tiflaħ għal prova taż-żmien u ssir l-għajn tal-għarfien.

L-għarfien tal-fidi, li fil-Bibbja jiġi ppreżentat bħala smigħ u viżjoni, jitwieled mill-imħabba kollha fedeltà ta' Alla; b'hekk il-verità u l-fedeltà huma marbuta flimkien. Il-verità li turi l-fidi hija verità li ssib l-għeruq tagħha fil-laqgħa mal-Kristu nkarnat, li bil-miġja tiegħu fostna, messna u tagħna l-grazzja tiegħu li tbiddel il-qlub tagħna. "Bl-Inkarnazzjoni tiegħu, bil-miġja tiegħu fostna, Ġesù messna, u permezz tas-Sagramenti, illum ukoll imissna: b'dan il-mod, huwa u jbiddel qalbna, ħalliena u jħallina nagħrfuh u nistqarruh bħala Bin Alla" (31).

L-Enċiklika tgħaddi biex tagħmel riflessjoni fuq id-djalogu bejn il-fidi u r-raġuni, fuq il-verità fid-dinja tal-lum, li spiss hija ridotta għal dik li tissejjaħ "awtentiċità suġġettiva"; bħal donnu l-idea ta' verità komuni "tbeżżagħna, għaliex nidentifikawha mal-impożizzjoni intransiġenti tat-totalitariżmi". Iżda jekk il-verità hi l-verità tal-imħabba, "jekk hi l-verità li toħroġ mil-laqgħa personali mal-ieħor u mal-oħrajn, hi tibqa' ħielsa mill-għeluq fl-individwu u tista' tkun parti mill-ġid komuni"(34). Il-verità tal-imħabba ta' Alla ma tiġix imposta bil-vjolenza, ma tgħattanx lill-individwu. Il-fidi mhijiex intransiġenti, min jemmen mhuwiex arroganti; il-fidi tagħmel min jemmen umli, miftuħ għall-għajxien mal-oħrajn u għad-djalogu.

Il-verità u d-dawl tal-fidi twassal għad-djalogu: id-djalogu max-xjenza, għax tqajjem is-sens kritiku u tiftaħ l-orizzonti tar-raġuni, fl-istagħġib għall-ġmiel tal-ħolqien; fid-djalogu bejn ir-reliġjonijiet, għaliex il-Kristjaneżmu joffri l-kontribut tiegħu; fid-djalogu ma' dawk li ma jemmnux u li jfittxu l-verità - "daqskemm jinfetħu għall-imħabba b'qalb sinċiera u jibdew jimxu b'dak id-dawl li jseħħilhom jiġbru, huma diġà qed jgħixu, bla ma jafu, fit-triq lejn il-fidi" (35).

Dan it-tieni kapitlu jagħlaq billi jitħaddet fil-qosor dwar it-teologija. It-teoloġija hija impossibbli mingħajr id-don tal-fidi; Alla mhuwiex oġġett imma s-Suġġett li jirrivela u jgħarraf lilu nnfisu. It-teoloġija hija parteċipazzjoni fil-għarfien li Alla għandu tiegħu nnifsu. It-teoloġija hija għall-qadi tal-fidi Nisranija; hija "taqsam



il-forma ekkleżjali tal-fidi u, billi tgħix bl-istess fini, ma tqisx il-Maġisteru tal-Papa u tal-Isqfijiet f'għaqda miegħu bħala xi ħaġa barranija, limitu għal-libertà tagħha iżda bil-maqlub, bħala wieħed mill-waqtiet ġewwiena tagħha, li jibnuha" (36).

## Referenżi Bibliċi

F'dan it-Tieni Kapitlu tal-Lumen Fidei, il-Papa jagħmel tnejn u għoxrin referenza biblika. Mill-Antik Testment insibu żewġ referenzi mill-Ktieb ta' Isaija u oħra mill-Għanja tal-Għanjiet. Hemm għaxar referenzi għall-Vanġelu ta' San Ġwann u waħda għal dak ta' San Luqa u ta' San Mattew. Hemm erba' referenzi għall-Ittra lir-Rumani u tlieta għall-Ittra lil-Lhud. Nerġgħu nsegwu dawn ir-referenzi li jgħinuna nerġgħu ntennu xi ideat importanti tal-Enċiklika fuq id-Dawl tal-Fidi.

## Fidi u Verità

L-ewwel referenza biblika hija għall-Ktieb tal-Profeta Isaija, referenza li tinsab ukoll fit-titlu tal-kapitlu: "Jekk ma temmnux, ma tifhmux" (7: 9). Interessanti ħafna hija l-ispjegazzjoni li jagħti l-Papa meta joħroġ id-differenza li hemm bejn dak li jgħid it-test Lhudi u li jiġi tradott "Jekk ma temmnux, ma tibqgħux sħaħ" u t-traduzzzjoni Griega msejħa "tas-Sebgħin" (*Septuaginta*) li tittraduci "Jekk ma temmnux, ma tifhmux". Din hija kelma li l-Profeta Isaija jgħaddi lis-Sultan Aħaż li, fil-biża' tiegħu, ried jafda fil-qawwa tal-Assirja. Isaija jħeġġu jafda f'Alla, il-blata li ma titħarrikx: "Billi Alla tista' torbot fuqu, jagħmel sens li jkollok il-fidi fih, tibni s-sikurezza tiegħek fuq Kelmtu" (23). "Ma tibqgħux sħaħ/ma tifhmux" mhumiex kuntradittorji: "Is-sħuħija li Isaija jwiegħed lis-sultan tiftiehem, infatti, bħala *għarfien* tal-għemil ta' Alla u tal-għaqda li jagħti lil ħajjet il-bniedem u lill-istorja tal-poplu. Il-profeta jisfida lis-sultan u lilna biex nifhmu t-triqat tal-Mulej, huwa u jsib fil-fedeltà ta' Alla l-pjan għaref li jmexxi ż-żminijiet" (23). Il-frott ta' dan ir-raġunament ikompli jagħtih il-Papa li jiġbed il-konklużjoni u jistqarr: "il-

bniedem jeħtieġ l-għarfien, jeħtieġ il-verità, għaliex mingħajrha ma jiqafx, ma jimxix 'il quddiem. Il-fidi mingħajr il-verità, ma ssalvax, ma tiżgurax il-passi tagħna…minħabba r-rabta sfiqa tagħha mal-verità, il-fidi taf tagħti dawl ġdid… tara aktar fil-bogħod, għax tifhem l-għemil ta' Alla li hu fidil lejn l-alleanza tiegħu u lejn il-wegħdiet tiegħu" (24).

U biex ifakkar il-fedeltà ta' Alla, il-Papa jagħmel referenza oħra għall-Profeta Isaija (65: 16) li jsejjaħ lil Alla "Alla-Ammen" darbtejn. Il-verżjoni Maltija tal-Għaqda Biblika hekk tittraduċi dan il-vers: "Min jitbierek fuq l-art, jitbierek b'Alla tal-verità. U b'Alla tas-sewwa jaħlef min jaħlef fuq l-art…"

## Għarfien tal-verità u mħabba

Hawnhekk il-Papa jagħmel mistoqsija biex jintroduċi d-diskors tiegħu dwar l-għarfien tal-verità u l-imħabba: "Tista' l-fidi Nisranija tagħti servizz lill-ġid komuni dwar il-mod tajjeb kif nifhmu l-verità?" It-tweġiba jagħtiha billi jagħmel referenza u jikkumenta espressjoni ta' San Pawl fl-Ittra lir-Rumani: "Wieħed jemmen f'qalbu" (10: 10). Interessanti niftakru li din l-espressjoni tinsab fil-qalba tad-diskussjoni li Pawlu jagħmel fil-Kapitli 9-11 fl-Ittra lir-Rumani fuq in-nuqqas ta' twemmin u -salvazzjoni tal-poplu Lhudi, il-poplu tiegħu. Fil-kapitlu 10 jisħaq fuq it-tema li s-salvazzjoni hija miftuħa għal kulħadd. B'din ir-referenza biblika l-Papa jagħmel raġunament sabiħ ħafna u jorbot il-fidi mal-imħabba.

"Il-qalb, fil-Bibbja, hija l-qalba tal-bniedem, fejn jiltaqgħu d-dimensjonijiet kollha tiegħu: il-ġisem u r-ruħ; il-ġewwieni tal-persuna u l-ftuħ tagħha għad-dinja u għall-oħrajn; l-intellett, ir-rieda, l-affettività. Jekk il-qalb għandha l-ħila żżomm flimkien dawn id-dimensjonijiet, hu għaliex hi l-post fejn ninfetħu għall-verità u għall-imħabba u nħalluhom imissuna u jbiddluna fil-profond. Il-fidi tbiddel il-persuna sħiħa, għaliex hija tiftaħna għall-imħabba. Hu f'din in-nisġa tal-fidi mal-imħabba li wieħed jifhem l-għamla ta' għarfien tal-fidi, il-qawwa tagħha li tikkonvinċi, il-ħila tagħha li ddawwal il-passi tagħna. Il-fidi tagħraf għaliex hi marbuta mal-imħabba, għaliex l-imħabba nfisha twassal għad-dawl. L-għarfien tal-fidi hu dak li jitwieled meta nirċievu l-imħabba kbira ta' Alla li tbiddilna minn ġewwa u tagħtina għajnejn ġodda biex naraw ir-realtà" (26).

Referenza biblika meħuda mill-Kummentarju ta' Guliermu ta' Saint Thierry fuq l-Għanja tal-Għanjiet, "Għajnejk huma għajnejn ta' ħamiema" (1: 5) iseddaq id-diskors tal-Papa li fi kliem Guliermu, "il-par għajnejn huma r-raġuni li temmen u l-imħabba, li jsiru għajn waħda biex jikkuntemplaw lil Alla, meta l-intellett isir 'intellett ta' mħabba mudwala'" (27). Hawnhekk ta' min ifakkar kemm il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet, din l-għanja spirtu pront bejn żewġ namrati, intuża biex jidħol fil-misteru tal-ġmiel tal-imħabba bejn Alla u l-ħlejjaq tiegħu.

## Il-fidi bħala smigħ u viżjoni

Fin-numru 39 il-Papa jerġa' jagħmel tliet referenzi bibliċi għall-Ittra lir-Rumani biex jagħti raġun għall-istqarrija tiegħu: "Sewwasew għaliex l-għarfien tal-fidi hu marbut mal-alleanza ta' Alla fidil, li jinseġ rabta ta' mħabba mal-bniedem u jkellmu, huwa ppreżentat bħala smigħ, hu marbut mas-sens tas-smigħ". Hu għalhekk li Pawlu jgħid: "Il-fidi tiġi mis-smigħ" (10: 17). Erġajna fil-kap 10 tal-Ittra , kap li fih Pawlu jitkellem mill-universalità tal-fidwa fil-kuntest tad-diskors li jagħmel fuq in-nuqqas ta' twemmin u l-fidwa ta' ġensu. Il-Papa jerġa' jagħmel referenza għall-Ittra lir-Rumani biex ifakkar li jekk il-fidi tiġi mis-smigħ, fil-konkret min jemmen jidħol f'dik li Pawlu jsejjaħ "l-ubbidjenza tal-fidi". Is-sejħa tal-ġnus

għall-ubbidjenza tal-fidi hija l-missjoni ta' Pawlu, kif juri biċ-ċar fl-introduzzjoni solenni tal-ittra: "Bih aħna rċevejna l-grazzja tal-appostolat biex inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi l-bnedmin fost il-ġnus kollha għall-ġieħ ta' ismu" (1: 5); huwa l-pjan ta' Alla li jwassal il-ġnus għall-ubbidjenza tal-fidi, kif igħanni Pawlu fl-aħħar innu ta' radd il-ħajr li bih jagħlaq l-ittra(il-Papa jagħmel referenza għal 16: 26 biss, imma se nġib l-innu kollu tal-vrus 25-27): "Lil Alla li għandu l-qawwa li jwettaqkom fl-Evanġelju li nħabbar jien, jien u nxandar lil Ġesù Kristu, skont ir-rivelazzjoni tal-misteru li kien moħbi fis-skiet tal-eternità; lil dan Alla li issa rrivelalna dan il-misteru, u għarrfu lill-ġnus bil-Kitba tal-Profeti, skont l-ordni tiegħu, Alla ta' dejjem, biex iwassalhom għall-ubbidjenza tal-fidi; lil dan Alla, waħdu fl-għerf, il-glorja għal dejjem ta' dejjem b'Ġesù Kristu. Ammen". Dan jikkonferma l-kelma tal-Enċiklika: "L-għarfien marbut mal-kelma hu dejjem għarfien personali, li jagħraf il-leħen, jinfetaħ għalih ħieles u jimxi warajh fl-ubbidjenza".

Imma l-fidi hija smigħ u viżjoni: "Is-smigħ jixhed is-sejħa personali u l-ubbidjenza, hekk ukoll il-fatt li l-verità tidher fiż-żmien; id-dehra tagħti viżjoni sħiħa tal-mixja kollha u tħallina nidħlu fil-proġett kbir ta' Alla; mingħajr din il-viżjoni jkollna f'idejna biss frak iżolat ta' ħaġa globali mhux magħrufa" (29).

Fin-numri 30-31 il-Papa jkompli jitkellem mir-rabta bejn li tara u tisma' fl-għarfien tal-fidi. Issa jdawwar ħarstu lejn il-Vanġelu ta' San Ġwann, "għax għar-raba' Vanġelu, it-twemmin huwa smigħ, u fl-istess ħin, li tara". Jagħmel 9 referenzi għal dan il-Vanġelu u fi ftit kliem, almenu hekk jidhirli jien, jagħti kważi sintesi konċiża tat-teoloġija ta' dan il-Vanġelu!

Għar-raba' Vanġelu l-fidi huwa smigħ: żewġ referenzi jikkonfermaw dan. Fl-ewwel kapitlu tal-Vanġelu, tnejn mid-dixxipli tal-Battista jmorru wara Ġesù wara li jisimgħu x-xhieda ta' Ġwanni li jistqarr lil Ġesù bħala l-Ħaruf ta' Alla: "iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù" (1: 37). Il-Papa jġib ukoll il-kelma ta' Ġesù f'Ġwanni 10: 3-5 fejn jippreżenta ruħu bħala r-ragħaj it-tajjeb, ir-ragħaj li leħnu jiġi magħruf min-nagħaġ tiegħu. Qegħdin fil-kuntest tal-fejqan tal-agħma f'Ġerusalemm, fejqan li qanqal nuqqas ta' twemmin fost il-Lhud. "Min jiħol mill-bieb hu r-ragħaj tan-nagħaġ. Min ikun mal-bieb lilu jiftaħ, in-nagħaġ minn leħnu jisimgħu, u hu jsejjaħ in-nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom u joħroġhom barra. U meta joħroġ in-ngħaġ tiegħu, huwa jmur quddiemhom u n-ngħaġ jimxu warajh, għax jisimgħu leħnu. Imma wara wieħed barrani ma jimxux, anzi jaħarbu minnu, għax leħen barrani ma jafuhx".

San Ġwann jippreżenta wkoll il-fidi marbuta wkoll ma' li tara. Il-Papa jġib żewġ referenzi tal-Vanġelu marbuta mal-aħħar sinjal ta' Ġesù, jiġifieri l-qawmien ta' Lazzru. Is-sinjal kien qawwi tant li "raw dak li għamel Ġesù u emmnu fih" (11: 45). "Drabi oħra", jistqarr il-Papa, "hi l-fidi li twassal għal dehra aktar profonda". Lil Marta, oħt Lazzru, li stqarret quddiem l-ordni ta' Ġesù li jneħħu l-blata mill-qabar ta' ħuha: "Mulej, issa beda jrejjaħ; ġa ilu erbat ijiem mejjet", Ġesù jgħidilha: "Ma għedtlekx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?" (11: 40).

"Fl-aħħar mill-aħħar, it-twemmin u li tara jintisġu flimkien". U hawnhekk il-Papa jagħmel referenza għal Ġwanni 12: 44-45. Qegħdin proprju fi tmiem dak li jissejjaħ "il-Ktieb tas-Sinjali" fi-raba' Vanġelu. Minkejja dawn is-sinjali, bosta Lhud ma emmnux f'Ġesù: "Ġesù għolla leħnu u qal: Min jemmen fija jkun qiegħed jemmen mhux fija imma f'min bagħatni; u min jara lili jkun qiegħed jara lil min bagħatni".

"Bis-saħħa ta' din l-għaqda mas-smigħ, li tara jsir mixja wara Kristu, u l-fidi tidher bħala mixja bil-ħars, li fiha l-għajnejn jidraw

jaraw fil-profond". Il-Papa jikkonferma dan billi jġib tliet referenzi meħudin mir-rakkonti tal-qawmien. Id-dixxiplu Ġwanni, li kien wasal qabel Pietru quddiem il-qabar nhar l-Għid filgħodu, quddiem id-dehra tal-faxex tal-għażel u l-qabar vojt "ra u emmen" (20: 8). Marija Maddalena li rat lil Ġesù wara li ħasbitu l-ġennien (20: 14) "u riedet iżżommu, iżda ingħatatilha l-istedina li tikkuntemplah fil-mixja tiegħu lejn il-Missier", tistqarr b'mod sħiħ quddiem id-dixxipli, "Rajt lill-Mulej" (20: 18).

Il-Papa jagħlaq in-numru 30 billi jistqarr li din is-sintesi bejn is-smigħ u li tara fil-fidi hija possibbli biss jekk nitilqu mill-persuna konkreta ta' Ġesù, li narawh u nisimgħuh għax huwa l-Kelma magħmula bniedem, li tiegħu rajna l-glorja. Ir-riferenza hija ovvjament għall-Prologu solenni tal-Vanġelu ta' San Ġwann: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità" (1: 14). "Id-dawl tal-fidi hu dak ta' Wiċċ li fih jidher il-Missier. Infatti, il-verità li l-fidi tilqa', fir-raba' Vanġelu hi d-dehra tal-Missier fl-Iben, f'ġismu u fl-għemejjel tiegħu fid-dinja, verità li tista' titfisser bħala t-triq mudwala ta' Ġesù".

Fin-numru 31 il-Papa, dejjem imdawwal minn San Ġwann, jitkellem mill-fidi bħala "mess" u jagħmel referenza għall-Ewwel Ittra ta' San Ġwann. Fil-fatt, hekk jikteb u jirreferi: "Hekk biss, permezz tal-Inkarnazzjoni, bil-qsim tal-umanità tagħna, l-għarfien proprju tal-imħabba seta' jilħaq is-sħuħija. Id-dawl tal-imħabba, infatti, jitwieled meta nintmessu f'qalbna, aħna u nilqgħu fina l-presenza ġewwiena tal-maħbub, li jħallina nagħrfu l-misteru tiegħu. Imbagħad nifhmu għaliex, flimkien ma' li tisma' u li tara, il-fidi, għal San Ġwann, hi mess". "Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Verb tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom" (1 Ġw 1: 1).

Anke llum nistgħu nmissuh bil-fidi. Hu għalhekk li l-Papa jikkwota lil Santu Wistin li jfakkar fil-mara bit-tnixxija tad-demm li messet



lil Ġesù bil-fidi biex tfiq: Tmiss il-qalb, dan hu t-twemmin". Ir-riferiment bibliku indikat huwa għall-Vanġelu ta' Luqa 8: 45-46 li jġib il-kliem ta' Ġesù, huwa u miexi mal-kotra lejn id-dar ta' bint Ġajru, malli jħoss il-qawwa li tfejjaq ħierġa minnu: "U Ġesù qal: Min messni". Kulħadd ċaħad li kien messu, u Pietru qallu: Mgħallem, in-nies qegħdin jagħfsu fuqek u jrossu madwarek. Imma Ġesù qal: Xi ħadd messni, għax ħassejt li xi qawwa ħarġet minni".

## Il-fidi u t-tiftix ta' Alla

Fin-numru 35, il-Papa jistqarr li "id-dawl tal-fidi f'Ġesù jdawwal ukoll il-mixi ta' dawk kollha li jfittxu lil Alla, u tagħti l-kontribut proprju tal-Kristjaneżmu fid-djalogu mas-seġwaċi tad-diversi reliġjonijiet". Għalhekk jagħmel tliet referenzi għall-Ittra lil-Lhud, kollha mill-kap 11, biex juri kif anke l-awtur sagru jkellimna dwar ix-xhieda tat-tajbin, li qabel il-patt ma' Abraham, kienu diġà qegħdin ifitxxu lil Alla bil-fidi. Niftakru li fil-kap 11 ta' din l-ittra tant sabiħa, l-awtur sagru jikellem b'mod solenni dwar il-qawwa u l-glorja tal-fidi. Ngħaqqad it-tliet referenzi li, fil-fatt, huma tlett ivrus wara xulxin: "Kien permezz tal-fidi li Abel offra lil Alla sagrifiċċju aħjar minn ta' Kajin, sagrifiċċju li bis-saħħa tiegħu kiseb xhieda li hu kien raġel ġust, u Alla tah xhieda tad-doni tiegħu; u b'dik il-fidi hu għadu jsemma leħnu għad li miet. Kien minħabba l-fidi tiegħu li Ħenok ittieħed minn fostna hekk li hu l-mewt ma rahiex; ma nstabx iżjed, għax Alla kien ħadu. U tassew, qabel ma ttieħed kien kiseb xhieda li hu kien għoġob lil Alla. Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh" (11: 4-6).

L-aħħar referenza biblika hija mill-Vanġelu tat-Tfulija ta' Mattew (2: 1-12). Hija l-ġrajja tal-Maġi li jsiru xbiha ta' min ifittex lil Alla u d-dawl tiegħu b'qalb sinċiera. "Xbiha ta' dan it-tiftix huma l-Maġi, immexxijin minn kewkba sa Betleħem. Lilhom id-dawl ta' Alla dehrilhom bħala mixja, bħala kewkba li tmexxi tul it-triq ta' kixfiet. Il-kewkba titkellem dwar is-sabar ta' Alla b'għajnejna, li jridu jidraw id-dija tagħha. Il-bniedem reliġjuż jinsab f'mixja u jrid ikun lest li jitħalla jitmexxa, li joħroġ minnu nnifsu biex isib lil Alla li dejjem jgħaġġibna…l-istqarrija Nisranija ta' Ġesù, salvatur waħdieni, tgħid li d-dawl kollu ta' Alla hu kkonċentrat fih, fil-ħajja mudwala tiegħu, li fiha jidhru l-bidu u t-tmiem tal-istorja". "Meta twieled Ġesù f'Betleħem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa u ġejna nqimuh… Dawk, wara li semgħu s-sultan, telqu, u ara l-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ tassew…" (1: 1-2. 9-10).



# L-IMBERKIN U L-MISĦUTIN F'MT 25, 31-46

***Fr Martin Micallef ofm cap***

## Introduzzjoni

Mt 25,31-46 hija silta li nsibuha biss fl-Evanġelju skont San Mattew. L-istudjużi tal-Evanġelju mhux kollha jaqblu fuq jekk għandniex inqisu din is-silta fil-kategorija ta' parabbola.[1] Mingħajr ma nidħlu fid-dibattitu ta' din il-kwestjoni,[2] f'dan l-artiklu se nikkonċentraw fuq

il-mistoqsijiet li jqajjem Mt 25,31-46, filwaqt li se nippruvaw naraw x'seta' kien qed jifhem Ġesù jew l-Evanġelista San Mattew f'dan it-test li għall-konvenjenza sejrin insejħulu *parabbola*.

## Xenarju Apokalittiku

Is-silta li nsibu f'Mt 25,31-46 hija l-konklużjoni tal-ħames u l-aħħar diskors ta' Ġesù fl-Evanġelju skont San Mattew, imsejjaħ bħala 'id-Diskors Eskatoloġiku' jew 'Apokalittiku' (Mt 24-25).[3] Is-silta tiftaħ b'xenarju tal-ġudizzju tal-aħħar ippreżentat bħala proċess ġuridiku. L-istruttura tal-parti ċentrali ta' din is-silta tirrifletti struttura meqjusa: l-għoti tas-sentenza fil-vv.34.41; ir-raġunijiet li fuqhom tingħata s-sentenza fil-vv.35-36.42-43; it-talba ta' kjarifikazzjoni jew oġġezzjoni min-naħa ta' dawk li jirċievu s-sentenza fil-vv.37-39.33, u l-ispjega tas-sentenza tal-imħallef fil-vv.40.45.

Fil-bidu tal-parabbola niltaqgħu ma' Bin il-bniedem li joqgħod bilqiegħda fuq it-tron glorjuż tiegħu filwaqt li "l-anġli kollha miegħu" (v.31), huma preżenti.[4] Ix-xena mhux biss tfakkarna f'testi apokalittiċi li fihom insibu lil Bin il-bniedem bilqiegħda fuq tron,[5] imma wkoll f'żewġ testi oħra mill-istess Evanġelju li fihom insibu rabta bejn it-tron ta' Bin il-bniedem u l-ġudizzju.[6]

Minħabba li f'Mt 25,31 Bin il-bniedem hu 'bilqiegħda' [bil-Grieg: *kathisei*][7] fuq it-tron, fil-v.34 dan il-personaġġ hu mogħti wkoll it-titlu ta' 'sultan' [bil-Grieg: *Basileus*]. Mhux biss, imma f'din is-silta hemm numru ta' titli Kristoloġiċi li nsibu matul l-Evanġelju kollu ta' San Mattew, u li bħal donnhom jiltaqgħu flimkien f'din ix-xena tal-ġudizzju: titli bħal 'Bin il-bniedem' [bil-Grieg: *ho hious tou anthropou*] (v.31), 'Mulej' [bil-Grieg: *Kyrios*] (vv.37.44) u 'dak li għandu jiġi' (v.31).[8] Meta nqisu dawn it-titli, nistgħu ngħidu li x-xena li nsibu f'Mt 25, 31-46 hija kollha kemm hi Kristoloġika.

## Il-Ġnus Kollha

Il-Kristoloġija tiddomina Mt 25,31-46 iżda titħallat sewwa mal-antropoloġija. Ix-xena tal-ġudizzju f'din is-silta hija ppreżentata permezz



tat-tixbiha ta' *ragħaj* li jifred in-nagħaġ mill-mogħoż.[9] 'Nagħaġ' hija kelma li fit-Testment il-Qadim u f'kitbiet Lhud[10] tintuża spiss għall-poplu ta' Alla. Iżda mhux hekk nistgħu ngħidu għall-kelma 'mogħoż'.[11]

Fis-silta naraw li s-separazzjoni tan-nagħaġ mill-mogħoż hija azzjoni li sseħħ permezz tal-ġudizzju ta' Bin il-Bniedem: "U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug" (vv.32-33).[12] Tajjeb li nagħtu każ hawnhekk l-użu tal-verb 'jifred' [bil-Grieg: *aphorizein*] li San Mattew diġà użah f'kuntest simili f'13,49 jiġifieri, fil-parabbola tax-xibka: "fi tmiem id-dinja, l-anġli joħorġu *jifirdu* l-ħżiena mill-ġusti." Fil-fatt, l-idea ta' separazzjoni fil-ġudizzju tal-aħħar, hija xi ħaġa li nsibuha użata spiss f'dan l-istess Evanġelju.[13]

Tajjeb imma hawnhekk nieqfu ftit fuq problema li jqajmu bosta studjużi meta jiġu biex jistudjaw din ix-xena tal-ġudizzju tal-aħħar, meta San Mattew juża l-frażi "il-ġnus kollha" [bil-Grieg: *panta ta ethne*] li jitressqu għall-ġudizzju quddiem is-sultan.

Nistgħu ngħidu li l-frażi "il-ġnus kollha" ġiet interpretatata b'modi differenti. It-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* bħal dik ta' bosta traduzzjonijiet moderni oħra bħal RSV, NRSV, NEB, NIV, JB, titraduċi l-kelma bil-Grieg *ethne* bħala "ġnus" aktar milli "il-Pagani/il-Ġentili" (li tista' tfisser hekk ukoll). Din hija l-interpretazzjoni/traduzzjoni li bosta studjużi jiddefendu meta jikkummentaw fuq dan it-test minn San Mattew,[14] għalkemm oħrajn jippreferu t-traduzzjoni "Pagani/Ġentili."[15]

San Mattew juża *panta ta ethne* tliet darbiet oħra. F'24,9 naqraw: "*il-ġnus kollha* jsiru jobogħdukom minħabba f'ismi"; f'24,14 nerġgħu naqraw: "Dan l-Evanġelju tas-Saltna jixxandar fid-dinja kollha, biex *il-ġnus kollha* jkollhom xhieda"; filwaqt li lejn l-aħħar tal-Evanġelju, f'28,19 insibu: "Morru, mela, agħmlu dixxipli *mill-ġnus kollha.*"[16]

Fid-dawl ta' dawn ir-referenzi, jidher li 25,32: "U quddiemu jinġabru *l-ġnus kollha,* u hu jifridhom minn xulxin…" għandha tkun nifhmuha daqslikieku San Mattew kien qed jirreferi għall-*ġnus kollha*, inkluż il-poplu Lhudi. Għal dan l-Evanġelista, il-ġudizzju huwa universali, kif naqraw f'silta oħra meħuda minn dan id-diskors Eskatoloġiku: "Imbagħad jidher fis-sema s-sinjal ta' Bin il-bniedem, *il-popli kollha tal-art* jibdew jagħtu fuq sidirhom, u jaraw lil Bin il-bniedem ġej fuq is-sħab tas-sema b'qawwa u glorja kbira. U hu jibgħat l-anġli tiegħu, li b'leħen qawwi ta' tromba jiġbru l-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf sa tarf tas-sema" (24,30).

Li titraduċi 25,32 bħala "il-pagani/il-ġentili kollha" minflok "il-ġnus kollha" tħallina bil-

mistoqsija: u fejn huwa l-poplu ta' Iżrael f'dan il-waqt tal-ġudizzju? Dawk li jippruvaw jitraduċu dan it-test b'dan il-mod, iwieġbu din il-mistoqsija fid-dawl ta' 21,43: "Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel il-frott minnha."[17] Minn dan il-kliem, forsi wieħed faċilment jieħu l-impressjoni li fil-perspettiva ta' dan l-Evanġelista, Iżrael huwa diġà ġġudikat u kkundannat għax m'emminx fl-Iben ta' Alla. Imma mqar dan il-vers tant qawwi, ma jitkellimx fuq Iżrael kollu bħala poplu li qed jiġi mwarrab. Pjuttost dan it-test jitkellem fuq il-mexxejja reliġjużi Lhud li lilhom huwa indirizzat il-kliem li nsibu f'din it-taqsima tal-Evanġelju skont San Mattew.

## Il-Kliem Tas-Sultan

Wara li s-sultan jifred il-ġnus kollha minn xulxin (v.32), il-parabbola tgħaddi biex tagħtina l-ewwel kliem tas-Sultan indirizzat "lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu: 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja'" (v.34). Interessanti l-ewwel kelma tas-Sultan 'ejjew' [bil-Grieg: *deute*] li hija l-istess kelma li f'4,19 Ġesù jgħid lid-dixxipli meta sejħilhom biex jimxu warajh. Donnu San Mattew irid jgħidilna li dawk li jagħtu widen għall-ewwel stedina ta' Ġesù 'Ejja!' u jimxu warajh, huma dawk li se jerġgħu jisimgħu l-aħħar kelma tiegħu "Ejja!" biex jidħlu fis-Saltna li tħejjiet għalihom.

Huwa għalhekk li t-tieni kelma li s-Sultan itenni lil dawk ta' fuq il-lemin hija "Imberkin" [bil-Grieg: *eulogemenoi*][18] U jistedinhom sabiex jersqu ħalli jirtu s-Saltna. Din il-kelma b'xi mod nsibuha f'xi wħud mill-Ittri ta' San Pawl[19] u ta' San Ġakbu[20] fejn tintuża wkoll f'rabta mal-ħajja ta' dejjem imħejjija għal dawk li jgħixu tajjeb filwaqt li hija mċaħħda għal dawk li jgħixu ħajja ħażina.

Il-parabbola mbagħad tgħaddi biex tagħtina l-kriterju li fuqu dawk li tqiegħdu fuq il-lemin tas-sultan jiġu mistiedna sabiex jirtu s-Saltna li tħejjiet għalihom: "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni" (vv.35-36). Dawn is-sitt għemejjel mhumiex mitlubin mil-Liġi. Iżda li titma' lil min hu bil-ġuħ huwa l-akbar għemil ta' tjieba li persuna tista' tagħmel ma' persuna oħra fil-bżonn. Fil-fatt, dan il-ġest ħafna drabi nsibuh fuq quddiemnett fil-lista ta' għajnuniet imniżżla fil-kotba tat-Testment il-Qadim.[21]

Dak li hu l-aktar sorprendenti fil-kliem tas-Sultan lejn dawk li għamlu dawn l-għemejjel ta' ħniena huwa li dak li għamlu, għamluh daqslikieku miegħu stess: "Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (v.40). Dan il-kliem jixbah ħafna dak li nsibu fil-letteratura rabbinika fejn il-Mulej Alla jgħid lil Iżrael: "Uliedi, kulmeta tagħtu l-ikel

lill-foqra, jiena ngħodd dan bħalikieku tajtuni x'niekol."[22]

Jekk li titma' lil min hu bil-ġuħ insibuh fuq quddiemnett fil-lista ta' għajnuniet li wieħed jista' jagħti lill-persuni f'kundizzjoni ta' bżonn, warajh insibu l-ġest li tisqi lil min hu bil-għatx.[23] Wara dawn iż-żewġ ħtiġijiet bażiċi, is-Sultan tal-parabbola jsemmi: "kont barrani u lqajtuni" (v.35). Il-verb "ilqajtuni" hawnhekk [bil-Grieg: *sunegagete*] jintuża fis-LXX biex ifisser kif xi ħadd jilqa' lil xi persuna oħra f'daru,[24] ġest imfaħħar f'bosta testi oħra tat-Testment il-Qadim.[25] Fid-dawl ta' testi bħal dawn jispikka dak li r-Rabbi Abba Arika (3 Seklu W.K.,) kiteb dwar l-ospitalità: "L-ospitalità lil dawk li jkunu qed jivjaġġaw hija akbar milli wieħed jilqa' l-preżenza tas-*Shekinah*."[26]

Ir-raba' azzjoni ta' ħniena li jsemmi s-Sultan hija: "kont għeri u libbistuni" (25,36), azzjoni li wkoll insibuha f'bosta testi tat-Testmnet il-Qadim.[27] Wara din, imbagħad, is-Sultan isemmi: "kont marid u ġejtu tarawni" (v.36). Bosta huma dawk it-testi kemm Lhud[28] kif ukoll Insara[29] li jqisu dan il-ġest li żżur jew tieħu ħsieb persuni morda bħala dmir reliġjuż.

L-aħħar ġest ta' ħniena fis-serje ta' sitta, huwa: "kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni" (v.36). Minn dokumenti li waslu għandna nistgħu nifhmu



li dan l-att ta' tjieba, ħafna darbi kien wieħed bżonnjuż għaliex il-pruġunieri kienu jiddependu fuq il-qraba u l-ħbieb tagħhom għall-ikel, xorb u bżonnijiet oħra.[30] Fil-fatt, bħal fil-każ ta' qabel dan, li żżur lill-ħabsin huwa ġest irrakkomandat kemm fil-letteratura Lhudija[31] kif ukoll f'dik Nisranija.[32]

Wara li s-Sultan isemmi dawn is-sitt ġesti ta' tjieba li nistgħu nqisuhom bħala lista rappreżentattiva ta' ġesti oħra ta' tjieba, il-parabbola tkompli billi toħroġ l-element ta' sorpriża f'dawk li lilhom is-Sultan kien qed jindirizza: "Imbagħad iweġbuh il-ġusti, 'Mulej', jgħidulu, 'meta rajniek bil-ġuħ u tmajniek, jew bil-għatx u sqejniek? Meta rajniek barrani u lqajniek, jew għeri u libbisnik? Meta rajniek marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk?'" (vv.37-39). Dak li 'il-ġusti' kienu għamlu, qatt ma basru li kienu qed jagħmluh

daqslikieku lill-Mulej stess. Hekk jispjega s-Sultan: "Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (v.40).

Meta s-Sultan ilesti minn dak li kellu x'jgħid lil dawk li kienu fuq il-lemin tiegħu, imbagħad idur fuq dawk li kienu fuq ix-xellug. Il-kliem li hu jgħid lil dawk ta' fuq ix-xellug huwa l-kuntrarju ta' dak li qal lil dawk li kienu fuq il-lemin. Jekk lil dawk li kienu fuq il-lemin qalilhom: "Ejjew (v.34), lil dawk ta' fuq ix-xellug jgħidilhom: "Morru minn quddiemi" (v.41). F'kuntrast ma' dawk ta' fuq il-lemin li sejħilhom: "imberkin" (v.34), lil dawk ta' fuq ix-xellug jindirizzahom bħala: "mistħutin [bil-Grieg: *kateramenoi*]" (v.41). U jekk lil dawk ta' fuq il-lemin jagħtihom b'wirt "is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja" (v.34), lil dawk ta' fuq ix-xellug jibgħathom "fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu" (v.41).

Ir-raġuni għal dan kollu jagħtiha s-Sultan stess meta mill-ġdid jerġa jsemmi s-sitt għemejjel tal-ħniena. Imma din id-darba, hu jippreżentahom bħala għemejjel li dawk li kienu fuq ix-xellug naqsu li jwettqu: "għax jien kont bil-ġuħ *u ma tmajtunix*, kont bil-għatx *u ma sqejtunix*, kont barrani *u ma lqajtunix*, kont għeri *u ma libbistunix*, kont marid u fil-ħabs *u ma ġejtux iżżuruni*!" (vv. 42-443).

L-istagħġib li kienu wrew dawk li kienu fuq il-lemin, insibuh mill-ġdid fuq fomm dawk ta' fuq ix-xellug: "Mulej meta rajniek bil-ġuħ, jew bil-għatx, jew barrani jew għeri, jew marid jew fil-ħabs, u aħna ma waqfniex miegħek?" (v.44). Hawnhekk l-Evanġelista jevita li joqgħod jirrepeti l-istess verbi li jakkumpanjaw lil dawn l-għemejjel ta' ħniena u li diġà smajnihom għal darbtejn oħra fil-vv.35-36 u vv.37-39, u b'xi mod fil-vv.42-43. Minflok, huwa jagħti forma iqsar fil-mistosqija li dawk li kienu fuq ix-xellug jagħmlu lis-sultan. Bi tweġiba, is-Sultan iwieġeb fin-negattiv dak li hu wieġeb fil-pożittiv fil-v.40: "Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh" (v.45).

Il-problema f'dan il-vers u fil-v.40 hija min huma "dawn iż-żgħar" jew "l-iżgħar fost dawn ħuti" li jsemmi s-Sultan fit-tweġibiet tiegħu. L-istudjużi tal-Evanġelju ma jaqblux bejniethom



meta jiġu biex iwieġbu din il-mistoqsija. Fil-fatt, hemm tliet proposti ewlenin, u kull waħda minnhom tista' tinfluwenza l-mod kif ninterpretaw din il-parabbola. Hemm dawk li jinterpretaw "l-iżgħar fost dawn ħuti" bħala waħda li tirreferi għal kull persuna fil-bżonn,[33] kemm insara kif ukoll dawk li mhumiex.[34] It-tieni, hemm dawk li jżommu li din il-frażi tirreferi għad-dixxipli ta' Ġesù.[35] It-tielet, xi studjużi oħra jinterpretaw "l-iżgħar fost dawn ħuti" bħala espressjoni li tirreferi għall-missjunarji tal-Knisja tal-Bidu.[36]

F'din l-aħħar kategorija, per eżempju, joqgħod tajjeb l-eżempju ta' San Pawl, missjunarju, li fil-vjaġġi tiegħu bħala appostlu bata l-ġuħ u l-għatx,[37] kien għeri,[38] bla dar,[39] marid jew dgħajjef[40] u fil-ħabs.[41] Minbarra hekk, fl-Evanġelju ta' San Mattew, naqraw li meta Ġesù bagħat lid-dixxipli biex ikomplu l-missjoni tiegħu, huwa jordnalhom biex ma jieħdu xejn magħhom għat-triq. Minflok, f'dak li kellhom bżonn, huma kellhom jiddependu fuq ħaddieħor,[42] b'mod illi min jilqa' lilhom ikun qed jilqa' lil Ġesù stess li bagħathom.[43] Mhux biss, imma xi wħud minnhom kellhom ukoll jgħaddu minn persekuzzjoni u forsi wkoll iduqu l-ħabs.[44]

Għalkemm kull waħda minn dawn l-interpretazzjonijiet ta' min huma "dawn iż-żgħar" jew "l-iżgħar fost dawn ħuti" hija bbażata fuq studju lingwistiku, l-ewwel interpretazzjoni jidher li l-aktar toqgħod fil-kuntest ta' din il-parabbola. Dan l-aktar minħabba li jekk naqraw 25,31-46 bħala silta iżolata mill-kumplament tal-Evanġelju ma hemm xejn x'jindikalna li l-Evanġelista kien qed jirreferi biss għad-dixxipli jew għall-missjunarji u mhux għall-persuni kollha li jinsabu fi stat ta' bżonn.

Minbarra hekk fil-parabbola stess hemm espressjonijiet oħra li juru l-aspett universali. Hekk, per eżempju, f'v.31 naqraw "l-anġli kollha miegħu" u f'v.32 "jinġabru l-ġnus kollha." Dan l-aspett ta' universalità jikkumplimenta dak li naqraw fil-Beatitudnijiet, fejn Ġesù ma jgħidx: "Henjin l-*Insara* fqar fl-ispirtu … Henjin l-*insara* li jħennu …" Il-Beatitudnijiet jiġbru fihom aspett universali. L-interess li wieħed irid juri lejn min hu batut ma nsibuhx biss fil-Beatitutdnijiet (5,3-12) imma wkoll fil-parir li Ġesù jagħti liż-żagħżugħ għani meta qallu biex imur ibigħ kulma kellu u jagħtih lill-foqra (19,21).

Il-parabbola, imbagħad, tagħlaq bil-kastig u bil-premju: "U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem" (v.46). Il-kastig li ħadu dawk ta' fuq ix-xellug li naqsu li juru ħniena ma' persuni fil-bżonn huwa diġà mħabbar fil-v.41 meta s-Sultan jgħidilhom: "Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu."

Ir-referenza għan-nar ta' dejjem insibuha f'testi oħra f'dan l-Evanġelju.[45] Interessanti ninnutaw hawn li r-referenza għan-nar insibuha fl-ewwel u fl-aħħar 'prietka' ta' dan l-Evanġelju. L-ewwel waħda hija dik ta' Ġwanni l-Battista fejn f'3,10.12 huwa jgħid: "Il-mannara ġa tressqet ma' għerq is-siġra; u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar …Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex." L-aħħar 'prietka' imbagħad hija din il-parabbola f' 25,31-46 li tispiċċa bir-referenza għan-nar ta' dejjem.

Interessanti hawn ukoll hija r-referenza għax-xitan bl-isem proprju tiegħu. Il-kelma bil-Grieg użata hawn *diabolos* tintuża wkoll fl-episodju tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù f'4,1-11 u f'13,39 u fil-parabbola tal-għalqa tal-qamħ u s-sikrana. Ir-referenza għall-"anġli tiegħu [tax-xitan]" f'25,41, imbagħad, hija unika f'dan l-Evanġelju, għalkemm insibuha fil-ktieb tal-Apokalissi 12,7-9.



## Il-Messaġġ Tal-Parabbola

Minn din il-parabbola jidher li l-kriterju tal-ġudizzju jibqa' sorpriża għal ħafna minħabba li hawn dan ma jintrabatx mal-istqarrija tal-fidi fi Kristu Ġesù. Minflok, dak li jgħodd huwa jekk wieħed uriex imħabba u ħniena lejn persuni fil-bżonn. Anzi l-kelma li San Mattew iħalli għall-aħħar biex ifisser dan kollu hija: *diekonesamen soi* (v.44), verb marbut man-nom *diakonos.*

It-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* ttraduċiet dan l-għemil bħala: "ma waqafniex miegħek." Imma forsi kien ikun isbaħ kieku dan il-kliem ġie tradott bil-forza li jġorr miegħu dan il-verb: "ma qdejniekx" fis-sens wiesgħa tiegħu li bih intuża fl-ewwel żminijiet tal-Knisja.

Nistgħu ngħidu li matul l-istorja tal-Kristjaneżmu din is-silta minn San Mattew serviet ta' ispirazzjoni għal tant għemejjel ta' ħniena u mħabba mwettqa minn tant persuni. Mhux ta' b'xejn li fil-bidu ta' Millenju ġdid, il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* fin-n.49 jikteb: "Din is-silta tal-Evanġelju mhijiex biss stedina għall-imħabba: hija paġna ta' Kristoloġija li titfa' raġġ ta' dawl fuq il-misteru ta' Kristu. B'dawn il-kelmiet u mhux anqas bil-verità tat-tagħlim tagħha, il-Knisja tkejjel il-fedeltà tagħha bħala l-Għarusa ta' Kristu."[46]

## Referenzi

1 Fost l-istudji li jinkludu Mt 25,31-46 fil-lista tal-parabboli ta' Ġesù, insibu, Joachim Jeremias, *The Parables of Jesus,* New York $^{3}$1972; Jan Lambrecht, *Out of the Treasure: The Parables in the Gospel of Matthew,* Grand Rapids 1992. Studjużi oħra jħallu din is-silta barra fl-analiżi tagħhom tal-parabboli. Minflok huma jippreferu jsejħu Mt 25,31-46 'dramm apokalittiku' minħabba li ħafna drabi l-parabboli ta' Ġesù jibdew b'xeni familjari meħudin mill-ħajja ta' kuljum f'kuntrast ma' dak li nsibu hawnhekk. Fost dawn l-istudjużi insibu, C.H. Dodd, *The Parables of the Kingdom,* rev. ed. New York 1961; E. Linnemann, *Parables of Jesus: Introduction and Exposition,* London 1966; Bernard B. Scott, *Hear Then the Parable: A Commentary on the Parables of Jesus,* Minneapolis 1989.

2 Fuq dan id-dibattitu, ara, Klyne R. Snodgrass, *Stories with Intent, A Comprehensive Guide to the Parables of Jesus,* Grand Rapids/MI 2008, 543.

3 Dan id-diskors, indirizzat

lid-dixxipli ta' Ġesù biss, nistgħu naqsmuh f'partijiet iżgħar. Għandna it-tħabbira tal-qerda ta' Ġerusalemm (24,1-2). Imbagħad insibu serje ta' sentenzi ta' Ġesù fuq sinjali li jidhru qabel it-Tmiem (vv.3-8), fuq il-persekuzzjoni (vv. 9-14), il-profanazzjoni tat-Tempju (vv.15-22), it-twissijiet kontra profeti foloz (vv.23-28), il-miġja ta' Bin il-bniedem (vv. 29-31), is-sentenzi fuq is-siġra tat-tin (vv.32-36) u fuq żmien Noè bit-twissija biex wieħed jishar (vv.36-44), il-parabbola tal-qaddej fidil u għaqli (vv.45-51), il-parabbola tal-għaxar xebbiet (25,1-13) u l-parabbola tat-talenti (vv.14-30).

4 Il-frażi "l-anġli kollha miegħu" nsibuha wkoll f'Mt 24,31 u tfakkarna f'Żak 14,5 (LXX) li titkellem fuq il-miġja tal-Mulej mal-qaddisin kollha tiegħu.

5 Ara *1 En* 61,8; 62,2-3.5; 69,29. Ara wkoll Dan 7,13-14; Mt 19,28; Apk 1,13; 20,11.

6 Ara Mt 16,27; 19,28.

7 It-Tielet Edizzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* tikteb: "imbagħad *joqgħod* fuq it-tron …" (v.31).

8 Din il-figura ta' Ġesù bħala dak li għandu jiġi hija antiċipata permezz ta' figuri differenti li jissemmew fil-parabboli li nsibuhom irrakkuntati eżattament qabel ix-xena li qegħdin nitħaddtu minnha, jiġifieri, Mt 25, 31-46. Hekk hu ppreżentat Ġesù f'24,30 bħala Bin il-bniedem li għad irid jiġi "b'qawwa u glorja kbira" (v.30).

9 Diġà fir-rakkonti tat-twelid, Ġesù hu muri lilna bħala sultan-ragħaj permezz tal-Profezija ta' Mikea: "U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li *jirgħa* l-poplu tiegħi Iżrael" (Mt 2,6 - Mik 5,2). Fil-ministeru ta' Ġesù imbagħad naqraw kif hu "ra n-nies u tħassarhom, għax kienu mdejqa u mitluqa *bħal nagħaġ bla ragħaj*" (9,36). Fit-tagħlim tiegħu Ġesù jagħmel ukoll użu mit-tixbiha tar-ragħaj meta jirrakkonta l-parabbola ta' wieħed li jkollu mitt nagħġa u tintiliflu waħda minnhom (ara Mt 18,12-14). Fil-waqt li fl-aħħar ċena, nerġgħu niltaqgħu ma' din it-tixbiha meta Ġesù jħabbar dak li kien se jiġri mid-dixxipli fl-arrest tiegħu: "Nidrob ir-ragħaj, u n-nagħaġ tal-merħla jitferrxu" (26,31). Imbagħad fis-silta li qegħdin nitkellmu minnha, Mt 25, 31-46 Ġesù bħala r-ragħaj, jiġi ppreżentat bħala imħallef li għandu s-setgħa li jifred in-nagħaġ mill-mogħoż.

10 Ara per eżempju, Eżek 34; 1 En 89-90.

11 Fi żmien Ġesù, kemm in-nagħaġ kif ukoll il-mogħoż, kienu jiswew - għalkemm in-nagħaġ kienu jiswew aktar - u kienu jitħallew jirgħu flimkien. Ara l-ispjega f'Michael Mullins, *The Gospel of Matthew, A Commentary,* Dublin 2007, 537. Xi wħud huma tal-fehma li dawn kienu jiġu mifrudin bil-lejl minħabba li l-mogħoż kienu jħossu aktar ksieħ u għalhekk kellhom bżonn ta' aktar protezzjoni. Ara Joachim Jeremias, *The Parables of Jesus,* New York 1972, 206. Din it-tifsira iżda hija mibnija fuq kumment ta' G. Dalman li ġie mifhum ħażin, meta dan issuġġerixxa li l-annimali kienu jiġu mifrudin sabiex jintagħżlu dawk li kienu se jiġu maqtulin. Ara Klyne R. Snodgrass, *Stories with Intent, A Comprehensive Guide to the Parables of Jesus,* Grand Rapids/MI 2008, 550.

12 Jidher li din ix-xena kienet komuni wkoll f'kulturi differenti. Platone, per eżempju, jirrakkonta ħolma ta' gwerrier li jara xena ta' ġudizzju. Wara li l-imħallfin jgħaddu l-ġudizzju, l-erwieħ tal-ġusti jgħaddu mill-bibien tal-ġenna fuq in-naħa tal-lemin; filwaqt li l-ħżiena mix-xellug. Ara, Plato, *Republic,* 10.614c-d. Hekk ukoll naqraw f'bosta kitbiet tar-Rabbini Lhud. Ara, *Midr. Num.* 22:9; *Midr.Cant.* 1:9.1. Dawn kollha huma kkwotati f'John M.Court, *Right and Left: The Implications for Matthew 25.31-46,* in *New Testament Studies* 31 (1985) 224-226.

13 Ara per eżempju, Mt 7,19-23; 8,11-12; 10,32-33; 12,36-37; 13,30.40-41; 22,12-13; 24,40-41.46-51; 25,10-12.

14 Ara per eżempju, Donald A. Hagner, *Matthew* (= Word Biblical Commentary) II, Dallas 1995, 742-743; Francis W. Beare, *The Gospel According to Matthew,* San Francisco 1981, 493; C.E.B. Cranfield, *Who are Christ's Brothers (Matthew 25:40)?* in *Metanoia* 4/1-2 (1994) 31-39.

15 Ara per eżempju, John M. Court, *Right and Left: The Implications for Matthew 25:31-46,* in *New Testament Studies* 31 (1985) 223-233; Graham Stanton, *A Gospel for a New People: Studies in Matthew,* Louisville 1993, 212-214.

16 Kompli ara d-diskussjoni ta' John P. Meier, *Nations or Gentiles in Matthew 28:19?* in *Catholic Biblical Quarterly* 39 (1977) 94-102. Hemm imbagħad siltiet

oħra li fihom San Mattew juża l-kelma *ethne* mingħajr il-kelma *panta* - 'kollha'. F'dan il-każ, allura, l-użu tal-kelma *ethne* tidher li qed tirreferi aktar għall-'pagani/ġentili' milli għall-'ġnus' bħal fil-każ tas-siltiet li għadna kemm semmejna. Hekk, per eżempju, naqraw f'6,32: "għax dawn huma kollha ħwejjeġ li jfittxuhom *il-pagani.*" Kompli ara Mt 4,15; 10,5.18; 12,18.21; 20,19.

17 Ara, Jan Lambrecht, *Once More Astonished: The Parables of Jesus,* New York 1981, 222-223. Imma l-istess awtur fil-ktieb tiegħu, *Out of the Treasure: The Parables in the Gospel of Matthew,* Grand Rapids 1992, 275-276, ibiddel il-pożizzjoni tiegħu; il-frażi f'25,32 tinkludi l-ġnus kollha u mhux sempliċiment il-Pagani/il-Ġentili.

18 Din il-kelma hija differenti mil-mod kif jibdew il-Beatudnijiet: "henjin/imberkin" [bil-Grieg: *makarios*] (Ara Mt 5,3-11. Ara wkoll 11,6; 13,16; 16,17; 24,46), għalkemm ma jidhirx li hemm xi differenzi kbar fit-tifsira ta' dawn iż-żewġ kelmiet bil-Grieg.

19 Ara I Kor 6,10; 15,50; Gal 5,21. Ara wkoll Efes 5,5.

20 Ara Ġak 2,5.

21 Ara per eżempju, Is 58,7-10.

22 "My sons, whenever you give food to the poor, I impute it to you as though you gave me food", sentenza ikkwotata minn George Foot Moore, *Judaism in the First Centuries of the Christian Era: The Age of the Tannaim,* vol. 2, Cambridge 1930, 169.

23 Ara Prov 25,21; Ġob 22,7.

24 Ara per eżempju, (LXX) Dewt 22,2; Imħ 19,18.

25 Ara per eżempju, Ġob 31,32; Is 58,7.

26 *B. Shab.* 127a. Il-kelma *shekinah* tfisser il-preżenza ta' Alla kif imfissra fit-tradizzjoni tat-Testment il-Qadim.

27 Ara per eżempju, Is 58,7; Eżek 18,7.

28 Ara per eżempju, Sir 7,35; *T. Jos.* 1:6.

29 Ara per eżempju, *L-Ittra ta' Polikarpu* (2 Seklu W.K.,) miktuba lill-presbiteri tal-knisja li fiha huma jiġu mħeġġin sabiex iżuru jew jieħdu ħsieb il-morda.

30 Għal aktar informazzjoni fuq dan, ara, Craig S. Wansink, *Chained in Christ: The Experience and Rhetoric of Paul's Imprisonments* (= Journal for the Study of New Testament – Supplement Series130), Sheffield 1996, 27-95.

31 Ara per eżempju, *T. Jos.* 1:6.

32 Ara per eżempju, Lhud 10,34; 13,3; L-Ittra ta' San Injazju mill-Antijokja, *Smyrn.* 6.2.

33 Fost dawk li jżommu din il-pożizzjoni, ara, Francis Watson, *Liberating the Reader: A Theological-Exegetical Study of the Parable of the Sheep and the Goats (Matt 25:31-46),* in *The Open Text: New Dimensions in Biblical Studies?* Edited by F. Watson, London 1993, 57-84; Richard France, *On Being Ready (Matthew 25:1-46),* in *The Challenge of Jesus' Parables,* edited by Richard N. Longenecker, Grand Rapids 2000, 191-193; Pheme Perkins, *Hearing the Parables of Jesus,* New York 1981, 163-164.

34 Ara, Richard B. Hays, *The Moral Vision of the New Testament: Community, Cross, New Creation: A Contemporary Introduction to New Testament Ethics,* San Francisco 1996, 106-107, 464.

35 Fost dawk li jżommu din il-pożizzjoni, hemm, George E. Ladd, *The Parable of the Sheep and the Goats in Recent Interpretation,* in *New Dimesions in New Testament Study,* edited by Richard N. Longenecker and Merrill C. Tenney, Grand Rapids 1974, 197-199; William L. Kynes, *A Christology of Solidarity: Jesus as the Representative of His People in Matthew,* Lanham 1991, 145-159.

36 Fuq din l-interpretazzjoni, ara, J. Ramsey Michaels, *Apostolic Hardships and Righteous Gentiles: A Study of Matthew 25:31-46,* in *Journal of Biblical Literature* 84 (1965) 27-37.

37 Ara 1 Kor 4,11; 2 Kor 6,5; 11,27.

38 Ara 2 Kor 11,27. Ara wkoll 1 Kor 4,11.

39 Ara 1 Kor 4,11; 3 Ġw 5-6.

40 Ara 1 Kor 4,10.

41 Ara Atti 16,23; 2 Kor 6,5; 11,23.

42 Ara Mt 10,8.42.

43 Ara Mt 10,40.

44 Ara Mt 10,17; 23,34.

45 Ara Mt 13,42.50; 18,8-9.

46 Ġwanni Pawlu II, *Ittra Appostolika, Novo Millenio Ineunte, Fil-Bidu ta' Millenju Ġdid,* traduzzjoni ta' Ġużepp Sammut, Malta 2001, 49.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2014




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2014

# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

## Pellegrinaġġi 2014

### Art Imqaddsa

28 Mejju - 5 Ġunju
16 Lulju - 24 Lulju
6 Awwissu - 14 Awwissu
10 Settembru - 17 Settembru
24 Settembru - 2 Ottubru

### Art Imqaddsa u Ġordanja

28 April - 8 Mejju

### Art Imqaddsa u Sinaj

3 Novembru – 13 Novembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt